Il-Kummissjoni Ewropea



Linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ

Rikonoxximenti

Il-linji gwida ġew żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea, bl-appoġġ tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Indirizzar tad-Diżinformazzjoni u l-Promozzjoni tal-Litteriżmu Diġitali permezz tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, immexxi minn konsulenti assoċjati mal-ECORYS. Il-Kummissjoni tixtieq tirringrazzja lil:

Ahmet Murat Kılıç, Kunsill tal-Ewropa
Alina Bargaoanu
Arminas Varanauskas
Cassie Hague, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
Charo Sádaba, Riċerka Diġitali Iberika, Università ta' Navarra
Claus Hjorth
Divina Frau-Meigs, Savoir Devenir
Eleni Kyza
Gabriella Thinsz, Il-Kumpanija Żvediża tax-Xandir Edukattiv
Giacomo Mazzone
Irene Andriopoulou
Jens Vermeersch, Federazzjoni Ewropea tal-Impjegaturi fl-Edukazzjoni
Juliane von Reppert-Bismarck, Lie Detectors
Kamil Mikulski, Kosciuszko Institute
Kari Kivinen, Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea
Norman Röhner, ALL DIGITAL
Onno Hansen-Staszyński
Sally Reynolds, Media and Learning Association
Sandra Troia
Stacey Featherstone, META
Thomas Nygren
Veni Markovski
Vitor Tomé

Il-Kummissjoni Ewropea mhi responsabbli għal ebda konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022
© L-Unjoni Ewropea, 2022



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Print	ISBN 978-92-76-55097-6	doi:10.2766/152062	NC-09-22-371-MT-C
PDF	ISBN 978-92-76-55112-6	doi:10.2766/56171	NC-09-22-371-MT-N

Werrej

1. Daħla 6

2. Introduzzjoni 8

3. Użu tal-Linji Gwida fl-edukazzjoni u fit-taħriġ 9

Għal min huma l-Linji Gwida? 10

4. Definizzjonijiet tat-termini ewlenin għal dawn il-Linji Gwida 11

5. Kuntest 13

Tagħlim u apprendiment fl-ambjent diġitali tal-iskola 13

Gwida u suġġerimenti – qabel, matul u wara l-attivitajiet fl-iskola u fil-klassi 15

Qabel l-Attivitajiet
Involviment tal-partijiet ikkonċernati tal-iskola 15

Waqt l-attivitajiet 19

Wara l-attivitajiet 19

6. Bini ta' kompetenzi fil-litteriżmu diġitali fil-klassi u fl-iskola: insiru ċittadini diġitali 20

Kif tibda t-tagħlim tal-litteriżmu diġitali 21

Objettivi tal-apprendiment tal-litteriżmu diġitali 22

Indirizzar tad-diżinformazzjoni 24

7. Diżinformazzjoni: Fuq xiex qed nitkellmu? 24

Pjanijiet ta' attività alternattivi li għandhom jiġu kkunsidrati: 25

Karatteristiċi tad-Diżinformazzjoni 26

Għaliex tinħoloq u tinxtered id-diżinformazzjoni? 26

X'inhi l-verifika tal-fatti? 28

X'inhi l-konfutazzjoni? 29

Il-valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-informazzjoni,
u kif għandhom jidentifikaw u jużaw sorsi leġittimi 30

Fehim tad-diversi dimensjonijiet tad-diżinformazzjoni 30

Aspetti etiċi tad-diżinformazzjoni 30

Ekonomija tad-diżinformazzjoni 31

Xi dimensjonijiet konjittivi u emozzjonali
tad-diżinformazzjoni 32

8. Valutazzjoni u evalwazzjoni tal-litteriżmu diġitali fl-iskola u fil-klassi: gwida konkreta għall-għalliema u għall-edukaturi 34

X'nistgħu u x'għandna nivvalutaw? 34

Tipi ta' prattiki ta' valutazzjoni 34

Evalwazzjoni ta' approċċi edukattivi effettivi relatati
mal-litteriżmu diġitali 39

Nota dwar ir-riżorsi 39

Lista tal-Pjanijiet ta' Attività fil-Linji Gwida

Kuntest

Pjan ta' Attività Nru 1: Ħidma f'kuntest ta' diżinformazzjoni

Pjan ta' Attività Nru 2: Apprendiment dwar il-multiperspettività permezz ta' sorsi diversi

Bini ta' kompetenzi fil-litteriżmu diġitali fil-klassi u fl-iskola: insiru ċittadini diġitali

Pjan ta' Attività Nru 3: Ħidma bid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej

Pjan ta' Attività Nru 4: Traċċar tal-impronti diġitali

Diżinformazzjoni: Fuq xiex qed nitkellmu?

Pjan ta' Attività Nru 5: Kif tiddeċiedi hux fatt jew opinjoni

Pjan ta' Attività Nru 6: Kif tiġġudika l-informazzjoni

Pjan ta' Attività Nru 7: Riċerka dwar għaliex tinħoloq id-diżinformazzjoni

Pjan ta' Attività Nru 8: Diskussjoni dwar il-libertà tal-media

Pjan ta' Attività Nru 9: Twettiq tal-verifika tal-fatti

Pjan ta' Attività Nru 10: Diskussjoni mal-istudenti dwar l-aspetti teknoloġiċi tad-diżinformazzjoni

Pjan ta' Attività Nru 11: Diskussjoni dwar l-ekonomija tad-diżinformazzjoni

Pjan ta' Attività Nru 12: Diskussjoni dwar it-teoriji ta' komplott



Lista ta' Suġġerimenti fil-Linji Gwida

Preżentazzjoni tal-Kuntest

Suġġeriment Nru 1: Involviment tal-istudenti

Suġġeriment Nru 2: Involviment tal-ġenituri

Suġġeriment Nru 3: Indirizzar ta' kwistjonijiet kontroversjali

Suġġeriment Nru 4: Turija tal-empatija

Suġġeriment Nru 5: Ġbir ta' informazzjoni

Bini ta' kompetenzi fil-litteriżmu diġitali fil-klassi u fl-iskola: insiru ċittadini diġitali

Suġġeriment Nru 6: Ludifikazzjoni u apprendiment ibbażat fuq il-logħob

Suġġeriment Nru 7: Teħid ta' spunti mill-istudenti

Diżinformazzjoni: Fuq xiex qed nitkellmu?

Suġġeriment Nru 8: Verifika tas-sorsi

Suġġeriment Nru 9: Kif tagħmel differenza

Suġġeriment Nru 10: Ħidma mal-istudenti tiegħek dwar il-konfutazzjoni antiċipata u l-konfutazzjoni

Suġġeriment Nru 11: Rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem

Valutazzjoni u evalwazzjoni tal-litteriżmu diġitali fl-iskola u fil-klassi: gwida konkreta għall-għalliema u għall-edukaturi

Suġġeriment Nru 12: Komunikazzjoni mal-kollegi

Suġġeriment Nru 13: Valutazzjoni tal-kompetenzi tal-istudenti

Suġġeriment Nru 14: Riflessjoni dwar in-natura tal-valutazzjoni

Suġġeriment Nru 15: Valutazzjoni tal-ħiliet ta' riċerka tal-istudenti

Suġġeriment Nru 16: Kollaborazzjoni mal-universitajiet

1. Daħla

Huwa ta' pjaċir għalija li naqsam magħkom dawn il-Linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dawn il-Linji gwida tħabbru f'Settembru 2020 bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027) u t-tnedija tagħhom timmarka pass vitali fl-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ biex isibu leħinhom online hekk kif jagħmlu konnessjoni ma' oħrajn u jikkontribwixxu għad-demokraziji vibranti tagħna.



Bil-gwida u bl-appoġġ tal-edukaturi u tal-għalliema, se nikkontribwixxu b'mod kollettiv sabiex ngħinu liż-żgħażagħ jaħsbu b'mod kritiku, jagħmlu għażliet informati online u jibqgħu sikuri filwaqt li jkomplu jibnu r-reżiljenza tagħhom. L-għalliema u l-edukaturi jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ħiliet u tal-kompetenzi diġitali taż-żgħażagħ.

Huwa għal din ir-raġuni li stabbilejna l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni li kkontribwixxa għal dawn il-Linji gwida. U ġbarna flimkien firxa wiesgħa ta' esperti mid-dinja tal-akkademja, tal-ġurnaliżmu, tax-xandir, tas-soċjetà ċivili, tal-kumpaniji tat-teknoloġija kif ukoll tal-komunità usa' tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, biex nisfruttaw l-għarfien vast u l-esperjenza diretta tagħhom.

L-impenn u l-passjoni ta' dan il-Grupp ta' Espert hu rifless fil-paġni li ġejjin. Dawn il-Linji gwida maħsuba biex jintużaw fil-klassijiet mal-Ewropa u biex jispiraw l-prattiki tat-tagħlim.

Minkejja li dawn il-Linji Gwida huma ġodda, ma bdejniex b'paġna vojta, peress li kemm il-litteriżmu diġitali kif ukoll l-indirizzar tad-diżinformazzjoni huma ta' prijorità fl-aġenda politika tal-UE. Naraw dan permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Istrateġija aġġornata tal-Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+). Bl-istess mod, fi ħdan l-edukazzjoni u t-taħriġ, nissoktaw nappoġġaw l-għarfien espert li ħareġ fid-dieher peress tal-programm Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-eTwinning. Il-bini fuq dan ix-xogħol jinsab fil-qalba tal-isforzi kontinwi tagħna biex niksbu ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. .

Madankollu, hemm domanda ċara għat-tisħiħ tar-rwol tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fir-rigward tal-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u tal-indirizzar tad-diżinformazzjoni. L-intenzjoni tiegħi b'dawn il-Linji gwida hi li nipprovdi lill-għalliema u lill-edukaturi b'objettivi tal-apprendiment, bi prattiki pedagoġiċi u b'attivitajiet prattiċi f'dokument wieħed faċli għall-utent filwaqt li jiffoka fuq dak li ntwera li jaħdem fil-klassi u joffri ideat ġodda mmirati biex jispiraw lill-għalliema u lill-imħuħ żgħar.

Din is-sena, 2022, hija s-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ. U huma l-aspirazzjonijiet u t-tamiet taż-żgħażagħ għall-ġejjieni li jispirawni u lit-tim tiegħi biex inħabirku kontinwament biex noħolqu politiki li se jagħmlu differenza.

Il-Linji gwida huma kkomplementati mir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti, li jenfasizza l-informazzjoni intuwittiva importanti li ħarġet fid-dieher tul l-iżvilupp tal-Linji gwida, tal-inizjattivi ewlenin fuq livell tal-UE u tal-Istat Membri, u tal-ħarsa ġenerali tal-oqfsa eżistenti.

Nixtieq nirringrazzja mill-qalb lill-esperti f'dan il-Grupp li permezz tagħhom twettaq dan.

Dawn il-Linji gwida jagħmlu parti minn vjaġġ itwal, u xogħolna ma jieqafx hawn. Jagħmlu parti mill-proċess li se jikkontribwixxi għar-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispons għall-fenomenu tad-diżinformazzjoni.

Nistiednek tagħmel parti minn dawn il-vjaġġ.

Mariya Gabriel
Kummissarju Ewropew għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażagħ



2. Introduzzjoni

Il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni fil-klassijiet u fl-iskejjel qatt ma kienu importanti daqskemm huma llum. Kemm l-għalliema/l-edukaturi kif ukoll l-istudenti, irrispettivament mil-livell tal-iskola jew mit-tip ta' skola, jinnavigaw ambjent online dejjem aktar kumpless fejn ikun hemm aktar x'taqra, x'tisma', u x'tara minn qatt qabel.

Dan jipprovdi opportunitajiet mingħajr preċedent biex tinstab informazzjoni u ssir komunikazzjoni ma' oħrajn, kemm fl-ambjent tal-iskola kif ukoll barra minnu. Id-dinja diġitali qed timxi dejjem aktar lejn iċ-ċentru tal-apprendiment u tat-tagħlim. Filwaqt li darba kien hemm biss il-kotba tal-iskola u r-riżorsi stampati, u l-apprendiment kien relattivament lokali, id-dinja tal-lum donnha tinsab fuq il-ponta ta' subgħajna.

Bħala għalliema u edukaturi, tinsabu f'pożizzjoni importanti biex tgħinu liż-żgħażagħ jiksbu l-kompetenzi li jeħtieġu biex isiru studenti li jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja f'dinja dejjem aktar diġitali. Il-kisba ta' kompetenzi diġitali tipprovdi passaport għal opportunitajiet ta' apprendiment mingħajr paragun. It-teknoloġiji diġitali se jkollhom impatt fuq l-oqsma kollha tas-suġġetti, u f'għadd dejjem akbar ta' impenji professjonali u privati. Il-kisba tal-ħiliet u tal-kompetenzi diġitali tgħin liż-żgħażagħ fil-klassijiet tiegħek isiru ċittadini emanċipati u attivi tas-seklu 21. Dawn huma kompetenzi mitgħallma u dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jgħinuk tappoġġa lill-istudenti tiegħek[1] f'din it-triq.

L-informazzjoni li tasal fil-klassijiet tagħkom u fid-djar tal-istudenti tagħkom tirriżulta minn varjetà kbira ta' awturi u ta' strumenti, kull wieħed bil-fehmiet u, f'xi każijiet, bl-aġendi rispettivi tiegħu. Ix-xenarju tal-media u tal-informazzjoni li dejjem jinbidel ħoloq il-ħtieġa li l-istudenti jaċċessaw, jimmaniġġaw, jifhmu, jintegraw, jikkomunikaw, jevalwaw, joħolqu u jxerrdu aħjar l-informazzjoni b'mod sikur u responsabbli bl-użu tat-teknoloġiji diġitali. Dawn il-Linji Gwida jirreferu għal dawn il-ħiliet bħala litteriżmu diġitali. Għalikom bħala għalliema/edukaturi, għandkom id-dmir importanti li tiffaċilitaw dan il-proċess.

Filwaqt li l-possibbiltajiet assoċjati mad-dinja diġitali dejjem akbar huma estensivi, dawn l-iżviluppi l-ġodda joħolqu wkoll ħafna sfidi u riskji. Informazzjoni mhux preċiża mifruxa b'mod deliberat jew sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni Russa tal-Ukrajna fi Frar 2022 fakkritna kemm id-demokraziji jistgħu jkunu vulnerabbli fl-era diġitali. Demokraziji b'saħħithom jiddependu fuq deliberazzjoni miftuħa, fuq il-parteċipazzjoni pubblika, u fuq sistema ta' kontrokontrolli. Id-demokrazija tista' tiddgħajjef meta s-sorsi ta' informazzjoni jkunu kompromessi minn informazzjoni malizzjuża, minn miżinformazzjoni u minn diżinformazzjoni. F'dawn il-Linji Gwida, aħna niffokaw b'mod speċjali fuq id-diżinformazzjoni, filwaqt li nirreferu għall-informazzjoni falza jew qarrieqa verifikabbli li tinħoloq, tiġi ppreżentata, u tinxtered għall-qligħ ekonomiku jew għall-ingann b'mod intenzjonali tal-pubbliku, u li tista' tikkawża ħsara pubblika. Madankollu, ħafna mis-suġġerimenti biex jgħinu lill-istudenti tagħkom jifhmu l-fenomenu tad-diżinformazzjoni u d-dinamika ta' madwaru huma applikabbli bl-istess mod biex jindirizzaw il-miżinformazzjoni.



[1] Aħna nużaw it-terminu "student" fil-Linji Gwida kollha biex nirreferu kemm għall-istudenti fil-livell primarju ta' edukazzjoni kif ukoll għall-istudenti tal-livell sekondarju ta' edukazzjoni.

3. Użu tal-Linji Gwida fl-edukazzjoni u fit-taħriġ

Dawn il-Linji Gwida joffru gwida konkreta u prattika għall-għalliema/għall-edukaturi. Minkejja dan, ma joffrux preskrizzjonijiet jew assjomi, iżda, minflok, għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ prattiku għat-tagħlim fil-klassijiet u f'ambjenti edukattivi simili.

Sew jekk qed tfittxu spjegazzjonijiet ċari ta' kunċetti tekniċi, eżerċizzji għall-klassi għall-verifika tal-fatti, kif tħeġġu drawwiet online "tajbin", jew modi kif tivvalutaw l-istudenti tagħkom, hawnhekk se ssibu xi ħaġa tgħodd għalikom.

L-għoti ta' gwida għall-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni mhux dejjem huwa kompitu faċli, minħabba n-natura li qed tinbidel malajr tat-teknoloġija u tal-possibbiltajiet emerġenti ta' komunikazzjoni diġitali u tal-media. Dawn il-Linji Gwida ma joffrux soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet kollha li tistgħu taffaċċjaw fil-klassi tagħkom iżda jiffokaw fuq il-kontribut għall-objettivi li ġejjin fl-edukazzjoni u fit-taħriġ:

1. L-għoti ta' informazzjoni intuwittiva u għarfien utli dwar id-dinamika u l-manifestazzjonijiet tad-diżinformazzjoni, kif ukoll il-karatteristiċi li jiddefinixxu informazzjoni kredibbli.
2. It-trawwim ta' fehim ta' kif jista' jinkiseb il-litteriżmu diġitali.
3. Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar kif għandhom jintużaw it-teknoloġiji diġitali b'mod kritiku u responsabbli.
4. L-għoti ta' informazzjoni intuwittiva dwar kif l-istudenti jistgħu jiġu vvalutati fir-rigward tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam tal-litteriżmu diġitali.

Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, l-istruttura tat-taqsimiet li jmiss tal-Linji Gwida hija kif ġej:

Taqsima 4 *"Definizzjonijiet tat-termini ewlenin għal dawn il-Linji Gwida"* toffri lista ta' definizzjonijiet tal-kunċetti ewlenin relatati mal-litteriżmu diġitali u mad-diżinformazzjoni.

Taqsima 5 *"Preżentazzjoni tal-Kuntest"* tintroduċi gwida dwar kif il-klassijiet u l-iskejjel jistgħu jgħinu aktar sabiex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-litteriżmu diġitali. Gwida bħal din, ibbażata fuq riċerka aġġornata u fuq il-feedback mill-għalliema/mill-edukaturi, hija relatata, pereżempju, mar-rwol tal-għalliema/tal-edukaturi u tal-istudenti, mal-ħolqien ta' ambjent ta' apprendiment sikur u mqanqal, eċċ.



Taqsima 6 *"Bini ta' kompetenzi fil-litteriżmu diġitali fil-klassi u fl-iskola: insiru ċittadini diġitali"* teżamina ostakli u sfidi speċifiċi, l-objettivi tal-apprendiment, u prattiki ta' ispirazzjoni assoċjati ma' dawn is-suġġetti. Il-gwida pprovduta hawnhekk tħares lejn kif jista' jiġi promoss b'mod effettiv il-litteriżmu diġitali.

Taqsima 7 *"Diżinformazzjoni: Fuq xiex qed nitkellmu?"* tħares lejn id-diversi dimensjonijiet tad-diżinformazzjoni u tingħata gwida dwar kif l-aħjar li tiġi indirizzata.

Taqsima 8 *"Valutazzjoni u evalwazzjoni tal-litteriżmu diġitali fl-iskola u fil-klassi: gwida konkreta għall-għalliema u għall-edukaturi"* tindirizza mistoqsijiet li ċertament huma fuq moħħ l-għalliema/l-edukaturi kollha – kif jivvalutaw l-istudenti. Hija offruta gwida dwar kif jista' jiġi vvalutat il-litteriżmu diġitali fost l-istudenti, u modi kif jiġu evalwati l-inizjattivi ta' litteriżmu diġitali li l-iskola tagħkom tista' tkun qed tuża.

F'dawn il-Linji Gwida se tiltaqgħu ma' kaxxi kkuluriti. Dawn inħolqu għall-konvenjenza tal-qari tiegħek. Hemm kaxxi **ħodor** b'suġġerimenti prattiċi għat-tagħlim u għall-apprendiment, kaxxi **blu** bi pjanijiet ta' attività għat-tagħlim tagħkom, kaxxi **ħomor** b'noti ta' twissija, u kaxxi **oranġjo** li jipprovdu informazzjoni intuwittiva utli oħra. Ta' min jinnota li n-noti ta' twissija ma jfissirx li aħna nissuġġerulkom tevitaw ċerti suġġetti, iżda li xi suġġetti jistgħu jkunu aktar impenjattivi u jeħtieġu aktar preparazzjoni sabiex jiġu mgħallmin.

Għal min huma l-Linji Gwida?

Il-Linji Gwida huma maħsubin għal varjetà ta' għalliema u ta' edukaturi. Huma primarjament maħsuba għall-għalliema/għall-edukaturi tal-iskejjel primarji u sekondarji. Fejn possibbli, il-Linji Gwida jagħmlu distinzjonijiet f'termini ta' x'inhu rrakkomandat. F'ħafna każijiet, jista' jkollkom bżonn taġġustaw il-gwida għaċ-ċirkostanzi personali tagħkom. Aħna nużaw it-termini "edukaturi" u "klassi" b'mod ġeneriku. Xi kontenut jista' jkun utli wkoll għall-ġenituri[2] u/jew għall-membri tal-komunità u jista' japplika għal apprendiment li jseħħ kemm f'ambjenti mhux formali kif ukoll f'dawk informali.

Il-Linji Gwida ġew żviluppati bil-ħsieb li jistgħu jintużaw minnkom fiċ-ċirkostanzi personali tagħkom, iżda anki jekk ħidma ma', pereżempju, kollegi u ma' persunal ieħor tal-iskola bħal psikologi tal-iskola, librara (tal-iskola) u assistenti soċjali tal-iskola tista' tkun ta' sodisfazzjon u tagħti impatt akbar lil xogħolkom. L-involviment tat-tmexxija tal-iskola, tal-ġenituri, tal-professjonisti tal-media, tas-soċjetà ċivili u tal-komunità jista' jarrikkixxi wkoll dak li jseħħ fl-iskola. Il-Linji Gwida jirreferu għal approċċi bħal dawn f'diversi postijiet.

Bħala l-aħħar nota, nittamaw li dawn il-Linji Gwida jkunu utli u jservu sabiex jappoġġawkom f'xogħolkom ta' kuljum, u b'hekk jgħinu biex titrawwem ġenerazzjoni ġdida ta' ċittadini diġitali Ewropej informati, emanċipati u involuti.



[2] Il-kelma "ġenituri", użata f'dan id-dokument kollu, hija maħsuba wkoll sabiex tkopri indokraturi oħrajn.

4. Definizzjonijiet tat-termini ewlenin għal dawn il-Linji Gwida

Intużaw ħafna termini sabiex jiddeskrivu ma' xiex jiltaqgħu n-nies online. Jista' jkun utli li wieħed jieqaf u jaqra xi wħud minn dawn it-termini u jara xi jfissru. Għall-prattikanti fil-klassi, jista' jkun utli fid-diskussjonijiet li jkollkom mal-kollegi, mal-istudenti tagħkom, u mal-komunità. Id-definizzjonijiet li ġejjin ittieħdu primarjament minn dokumenti u minn oqfsa ta' politika internazzjonali iżda tqassru għal skopijiet ta' qari.

Algoritmi: kif relatati mal-pjattaformi diġitali, l-algoritmi huma għodod li jagħżlu liema kontenut jintwera għall-utenti fuq il-bażi tar-rilevanza u tal-preferenzi.

(Sistemi tal-) Intelliġenza Artifiċjali: software f'kompjuters jew f'magni li huma pprogrammati sabiex iwettqu kompiti li normalment jeħtieġu intelliġenza umana, eż., apprendiment jew raġunament.

Bot: programm ta' software awtonomu fuq l-internet li jinteraġixxi mal-utenti u jwettaq kompiti predefiniti.

Cheapfakes: media mbagħbsa li nbidlet permezz ta' teknoloġija konvenzjonali u affordabbli (eż., skambju tal-wiċċ).

Ġurnaliżmu taċ-ċittadini: il-ġurnaliżmu li jsir minn persuni li mhumiex ġurnalisti professjonali iżda li jxerrdu l-informazzjoni bl-użu ta' siti web, ta' blogs, u tal-media soċjali.

Clickbait: kontenut li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jiġbed l-attenzjoni u li jħeġġeġ lill-viżitaturi jikklikkjaw fuq link għal paġna web partikolari.

Konfutazzjoni: attività li sseħħ wara li tkun inħolqot u nfirxet id-diżinformazzjoni. Għandha l-għan li tirrettifika informazzjoni diġà ppreżentata u tirreferi għall-intenzjoni li tiġi ċċarata l-informazzjoni primarjament falza ppreżentata.

Deepfakes: immaġnijiet, vidjows jew reġistrazzjonijiet tal-awdjo ġġenerati mill-Intelliġenza Artifiċjali, ta' persuni jew ta' avvenimenti li ma seħħewx verament u li spiss ikunu impossibbli li jiġu distinti minn dawk reali. Huma aktar sofistikati miċ-cheapfakes.

Ċittadinanza diġitali: il-kapaċità ta' parteċipazzjoni b'mod attiv, kontinwu u responsabbli fl-ambjenti diġitali (lokali, nazzjonali, globali, online) fil-livelli kollha (politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali, u interkulturali).

Impronta diġitali: traċċi ta' data li jitħallew minn individwi li jużaw l-internet, inklużi s-siti web li jkunu żaru, il-posta elettronika li jkunu bagħtu, u informazzjoni oħra li jkunu qasmu. Impronta diġitali tista' tintuża biex jiġu traċċati l-attivitajiet u l-apparati online ta' individwu.

Litteriżmu diġitali: il-ħila ta' aċċess, ta' ġestjoni, ta' fehim, ta' integrazzjoni, ta' komunikazzjoni, ta' evalwazzjoni, ta' ħolqien, u ta' tixrid ta' informazzjoni b'mod sikur u xieraq permezz tat-teknoloġiji diġitali. Tinkludi kompetenzi li jissejħu b'mod varjat bħala l-litteriżmu fl-informazzjoni u l-litteriżmu medjatiku, il-litteriżmu fil-kompjuter u fl-ICT. Il-Litteriżmu Diġitali jinvolvi dimensjoni ta' involviment attiv u ċiviku mad-dinja diġitali u jippromwovi ċ-ċittadinanza attiva.

Pedagoġija diġitali: l-użu ta' għodod diġitali u ta' approċċi kunċettwali innovattivi. Hija maħsuba sabiex tappoġġa l-apprendiment adattabbli u personalizzat u tikkontribwixxi għat-tfassil ta' modi kreattivi ġodda ta' apprendiment, għall-arrikkiment tal-esperjenzi ta' apprendiment u għat-titjib tal-eżiti tal-apprendiment. Ġie nnotat li l-pedagoġija diġitali tgħożż l-edukazzjoni miftuħa, inklużi r-riżorsi edukattivi miftuħa.

Diżinformazzjoni: informazzjoni falza jew qarrieqa b'mod verifikabbli li tinħoloq, tiġi ppreżentata u tinxtered għall-qligħ ekonomiku jew sabiex il-pubbliku jitqarraq intenzjonalment. Tista' tikkawża ħsara lill-pubbliku.

Kmamar tal-eku: ambjenti li fihom l-opinjoni, it-twemmin politiku, jew it-twemmin tal-utenti dwar suġġett jissaħħu minħabba interazzjonijiet ripetuti ma' pari jew ma' sorsi bi twemmin u b'ideoloġiji simili.

Verifika tal-fatti: il-proċess ta' verifika ta' jekk l-informazzjoni tkunx vera jew falza.

Bużżieqa tal-filtri: sitwazzjoni li fiha n-nies jisimgħu jew jaraw biss aħbarijiet u informazzjoni li jsostnu t-twemmin u l-preferenzi eżistenti tagħhom. Dan il-fenomenu jista' jissaħħaħ online skont liema persuni jew liema paġni l-utenti jagħżlu li jsegwu jew jinteraġixxu magħhom, kif ukoll minħabba algoritmi li juru kontenut ibbażat fuq imġiba, preferenzi u ambjenti online tal-passat.

Informazzjoni malizzjuża: informazzjoni fattwalment korretta li tintuża għall-finijiet ta' ħsara.

Litteriżmu Medjatiku u fl-Informazzjoni: il-ħila li wieħed jifhem l-informazzjoni għall-ġid pubbliku; il-ħila ta' ħsieb kritiku dwar l-informazzjoni, il-media u l-komunikazzjoni diġitali għall-parteċipazzjoni f'għanijiet ta' żvilupp sostenibbli; u l-ħila ta' tfittix u ta' tgawdija tal-benefiċċji sħaħ tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Litteriżmu Medjatiku: il-ħila ta' aċċess tal-media, ta' fehim u ta' evalwazzjoni b'mod kritiku ta' aspetti differenti tal-media u tal-kuntesti tal-media, u ta' ħolqien ta' komunikazzjonijiet f'varjetà ta' kuntesti.

Meme: immaġni, vidjow, biċċa test, eċċ., tipikament ta' natura ċajtiera li tiġi kkuppjata u tinfirex malajr mill-utenti fuq l-internet, spiss b'varjazzjonijiet żgħar.

Miżinformazzjoni: informazzjoni falza b'mod verifikabbli li tinxtered mingħajr l-intenzjoni li tqarraq, u spiss tiġi kondiviża minħabba li l-utent jemmen li tkun vera.

Phishing: attakk li għandu l-għan li jisraq il-flus jew l-identità ta' persuna, billi jqarraq b'xi ħadd biex jikxef informazzjoni personali - bħan-numri tal-karti ta' kreditu, l-informazzjoni bankarja, jew il-passwords - fuq siti web li taparsi jkunu leġittimi.

Konfutazzjoni antiċipata: ċaħda ta' argument persważiv qabel ma jixxerred l-argument.

Sors: il-post tal-bidu jew l-oriġini ta' biċċa informazzjoni.

Troll: persuna li tfittex deliberatament li toffendi jew li tattakka direttament lin-nies billi tibgħat kummenti insolenti. Troll farms jew fabbriki tat-trolls huma grupp istituzzjonalizzat ta' trolls fuq l-internet li jfittex li jinterferixxi fl-opinjonijiet politiċi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

Verifika: il-proċess sabiex jiġi aċċertat li sit, indirizz, kont, jew informazzjoni tkun awtentika u reali.



5. Kuntest

Din it-taqsima toffri gwida dwar kif jinħoloq ambjent ta' apprendiment li jgħin lill-istudenti jsiru diġitalment litterati u jgħinhom jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa biex isiru reżiljenti għall-miżinformazzjoni, għall-informazzjoni malizzjuża u speċjalment għad-diżinformazzjoni.

Hija mmirata lejn l-għalliema u l-edukaturi b'mod ġenerali u tkopri l-livelli differenti tal-iskejjel (pereżempju, l-iskejjel primarji u sekondarji). Se ssib pariri u gwida dwar kif tegħleb l-isfidi potenzjali li tista' tiffaċċja bħala għalliem/edukatur, kif ukoll diversi pjanijiet ta' attività li jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għat-tagħlim tiegħek. Il-parir offrut huwa relatat ma' tliet mumenti fiċ-ċiklu edukattiv – **qabel, matul u wara l-attivitajiet fil-klassi**.

Tagħlim u apprendiment fl-ambjent diġitali tal-iskola

Qabel kollox, importanti li jiġi enfasizzat li ma għandkomx bżonn tkunu guru tat-teknoloġija biex tgħinu lill-istudenti tagħkom isiru diġitalment litterati. Irrispettivament mit-teknoloġija disponibbli fil-klassi tagħkom, tistgħu tinvolvu lill-istudenti tagħkom fid-dibattitu usa' dwar il-ħafna opportunitajiet u riskji assoċjati mal-univers diġitali, u dwar l-utilità tal-valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-informazzjoni li jiltaqgħu magħha.

Bħal kwalunkwe tagħlim effettiv, importanti li jinħoloq post sikur għall-istudenti fejn jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jinvolvu rwieħhom f'apprendiment attiv. L-istudenti japprezzaw min jagħtihom attenzjoni u widen, kemm jekk ikunu l-istudenti sħabhom kif ukoll jekk ikunu l-għalliema tagħhom, u japprezzaw li jingħataw is-setgħa li jsiru aktar litterati f'dinja diġitali li fiha diġà jistgħu jkunu pjuttost kapaċi. Din id-dinja diġitali potenzjalment tagħti lill-istudenti l-opportunità li jkollhom aċċess għal ħafna informazzjoni, jisimgħu diversi opinjonijiet dwar suġġett u jikkomunikaw b'mod li jegħlbu l-ostakli ġeografiċi, lingwistiċi, kulturali u reliġjużi. Minkejja dan, fil-biċċa l-kbira tagħhom ma għandhomx il-kompetenzi u l-għerf biex jieħdu vantaġġ sħiħ minn dak li hu offrut u biex jidentifikaw it-theddid potenzjali.

Bla dubju, intom għandkom firxa ta' approċċi x'tużaw meta taħdmu mal-istudenti tagħkom fuq kwistjonijiet impenjattivi u xi drabi kontroversjali. Il-**Kaxxa Nru 1** ta' hawn taħt tippreżenta xi approċċi edukattivi li jaf tkunu familjari magħhom jew le. Urew li huma utli fil-qasam tal-litteriżmu diġitali.

Kaxxa Nru 1: Tagħlim u apprendiment fl-ambjent diġitali tal-iskola – xi approċċi utli

L-approċċi ta' tagħlim u ta' apprendiment li ġejjin huma ferm stabbiliti u jistgħu jservu ta' ispirazzjoni għax-xogħol tagħkom.


Kurrikulu Spirali. Kwalunkwe suġġett, inkluż il-litteriżmu diġitali, jista' jiġi mgħallem fi kwalunkwe età tal-iskola dment li kull darba jiġi adottat l-approċċ ta' tagħlim xieraq. Huwa approċċ li fih il-kunċetti ewlenin jiġu ppreżentati ripetutament matul il-proċess ta' apprendiment, iżda b'saffi aktar profondi ta' kumplessità, jew f'applikazzjonijiet differenti. Approċċ bħal dan jippermetti l-introduzzjoni aktar bikrija ta' kunċetti tradizzjonalment riżervati għal aktar tard.

Klassi Invertita. Strateġija ta' apprendiment imħallat immexxi mill-pari li żżid l-involviment u l-apprendiment tal-istudenti permezz tal-użu tal-media, fil-klassi u barra minnha. L-istudenti spiss ilestu l-qari d-dar u jagħmlu xogħol ta' soluzzjoni tal-problemi fil-klassi.

Tagħlim imħallat. Il-pandemija tal-Covid-19 kienet mument ta' bidla rivoluzzjonarja fit-tranżizzjoni lejn apprendiment aktar mill-bogħod fl-edukazzjoni. L-apprendiment imħallat għandu l-potenzjal li jikkombina b'mod effettiv it-tagħlim wiċċ imb wiċċ u online f'esperjenza koeżiva waħda.

Apprendiment bl-għemil. Fl-edukazzjoni, dan huwa approċċ ibbażat fuq l-idea li aħna nitgħallmu aktar meta fil-fatt "nagħmlu" l-attività fil-prattika.

Apprendiment ibbażat fuq il-logħob u ludifikazzjoni. Approċċi bħal dawn jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' strateġiji tal-logħob (ludifikazzjoni) jew l-użu ta' logħob online u offline (apprendiment ibbażat fuq il-logħob) sabiex jittejjeb l-apprendiment u jinvolvi aktar lill-individwi. Il-logħob edukattiv biex titqajjem kuxjenza dwar il-preġudizzju fil-media huwa eżempju ta' dan.



L-għodod diġitali tipikament joffru lill-istudenti grad relattivament kbir ta' libertà meta, pereżempju, jużaw apparati diġitali biex jaċċessaw apps, jikkomunikaw fuq il-media soċjali jew ifittxu fuq l-internet. Minħabba din il-libertà, huwa possibbli wkoll li l-istudenti jkollhom aċċess għal ammont enormi ta' informazzjoni, li hu ta' benefiċċju għall-edukazzjoni tagħhom. Jista' jwassal ukoll biex dawn jinvolvu rwieħhom f'imġiba diġitali irrilevanti, mhux xierqa, u potenzjalment perikoluża. Għalhekk, sfida kbira għalikom bħala għalliema/edukaturi hija li tgħinu lill-istudenti jitbiegħdu minn imġiba ta' ħsara fuq l-internet u tgħinuhom jiksbu l-għarfien personali u l-ħiliet biex jagħmlu dan b'mod indipendenti.

Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għad-diversità preżenti fil-klassi, f'termini ta' sfondi, ta' opinjonijiet u ta' fehmiet dwar id-dinja tal-istudenti. Dan ifisser li l-istudenti jiġu pprovduti minn qabel b'xi informazzjoni intuwittiva dwar is-suġġett tal-opportunitajiet u tat-theddid diġitali u li jiġu stabbiliti regoli bażiċi għad-diskussjoni (pereżempju l-ebda attakk personali u "sjieda ta' opinjonijiet" bl-użu tal-forma "Jien")[3]. Huwa utli li tkunu tafu x'jaħsbu l-istudenti tagħkom (u l-grupp ta' pari tagħhom) dwar ċerti kwistjonijiet qabel ma jiġu indirizzati fil-klassi, filwaqt li tiftakru li l-opinjonijiet jistgħu jvarjaw u jkunu ta' natura diversa. Huwa utli wkoll jekk tkunu tistgħu ssiru tafu x'inhuma s-sorsi tal-aħbarijiet u tal-informazzjoni li jaċċessaw u x'media soċjali jużaw. Liema media u pjattaformi online jaċċessaw l-istudenti u x'jaħsbu dwarhom? Taf tkun meħtieġa xi ftit insistenza biex tiksbu din l-informazzjoni u xi drabi jkun hemm bżonn li t-tweġibiet ikunu anonimi. Huwa utli wkoll li jiġi vvalutat sa liema punt l-istudenti diġà jifhmu kwistjonijiet bħall-konfigurazzjonijiet tal-privatezza, ir-regoli u r-regolamenti tal-komunità diġitali, x'inhu legali u illegali, eċċ. (ara wkoll it-Taqsima 8).

Minħabba l-potenzjal li l-istudenti jiltaqgħu ma' informazzjoni falza u potenzjalment ta' ħsara online, l-aħjar li tkunu lesti biex tinvolvu rwieħkom f'konverżazzjoni magħhom dwar informazzjoni li tista' tkun potenzjalment kontroversjali għalihom, għall-istudenti sħabhom, jew għall-komunità tagħhom. Dan jimplika li tkunu lesti biex tindirizzaw emozzjonijiet u mġiba irrazzjonali. Tista' tkun ukoll idea tajba li l-ewwel issir diskussjoni aktar ġenerali mal-istudenti dwar dak li raw fil-media dan l-aħħar li jista' jkun kontroversjali.

Ikkunsidra...

- Li tiżgura li l-istudenti jużaw b'mod regolari l-għodod diġitali bħala parti mill-apprendiment tagħhom għal diversi skopijiet.
- Li tillimita t-tul tad-diskors tiegħek u l-użu ta' metodi aktar interattivi bħall-metodu Sokratiku ta' apprendiment, ta' investigazzjoni u ta' apprendiment ibbażat fuq il-problemi u diversi metodoloġiji ta' apprendiment kollaborattivi u kooperattivi.
- Li tieħu t-tħassib u l-asserzjonijiet tal-istudenti kollha bis-serjetà, filwaqt li tiżgura li tirrispetta fehmiethom.
- Il-ħtiġijiet speċjali, it-tħassib, il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet ta' grupp ta' studenti li qed tippjanaw li taħdmu magħhom u li tużawhom bħala l-punt tat-tluq għall-apprendiment.
- Li tibni fuq id-diversità fil-grupp, kemm f'termini ta' sfond kif ukoll ta' opinjonijiet. Dan jarrikkixxi. Li tagħżel metodi ta' ħidma li jgħinu sabiex din id-diversità tispikka.
- Li tiddiskuti l-privatezza mal-istudenti u tiżgura li jifhmu x'inhi u kif għandha tiġi protetta. Il-kwistjonijiet relatati mal-privatezza għandhom rwol prominenti fid-diskussjonijiet dwar il-litteriżmu diġitali.
- Li l-istudenti se jkollhom bżonn l-għajnuna tagħkom biex isibu informazzjoni kredibbli online, iżda jeħtieġu wkoll li jiksbu dawn il-ħiliet huma stess.
- Li ż-żgħażagħ jitgħallmu b'mod estensiv minn xulxin. L-istrateġiji ta' apprendiment bejn il-pari jistgħu jkunu effettivi fl-ispettru edukattiv kollu, anki meta jintużaw teknoloġiji diġitali. Dan jimplika li inti, bħala għalliem, tieħu rwol aktar ta' faċilitatur. L-apprendiment bejn il-pari jeħtieġ il-gwida tiegħek bħala għalliem.
- Li ż-żgħażagħ jitgħallmu ħafna mid-drawwiet online tagħhom f'età bikrija u fl-ambjent tad-dar.
- Li tuża avvenimenti kurrenti lokali jew dinjija bħala motivatur tal-attivitajiet. Normalment, aktar ma tkun immedjata l-informazzjoni, aktar tkun interessanti u aktar ikunu motivati l-istudenti.
- Kif tagħżel il-kuntest it-tajjeb, il-qafas u l-approċċ għall-klassi tiegħek u l-qafas tas-suġġett. L-istudenti tiegħek kemm huma diġà motivati? Xi adoloxxenti jsibuha bi tqila biex jinvolvu rwieħhom f'diskussjonijiet dwar kwistjonijiet soċjali u politiċi kontroversjali.
- L-aktar regoli xierqa għal kull klassi. Dak li jaħdem għal grupp wieħed ma jaħdimx għal ieħor. Żviluppa r-regoli flimkien mal-istudenti, jekk tista'. Dan jagħtihom sens ta' sjieda.
- Li taqsam u tiddiskuti l-ideat tiegħek ma' għalliema/edukaturi oħrajn.



[3] Fost l-eżempji nsibu: "Jien naħseb li...", "Jien nemmen li...", "Jien inħoss li...", "Jien naqbel li..."

Gwida u suġġerimenti – qabel, matul u wara l-attivitajiet fl-iskola u fil-klassi

Biex tippromwovi esperjenzi pożittivi ta' apprendiment u biex tilqa' kontra eżiti mhux intenzjonati bħall-kunflitt u l-polarizzazzjoni meta tgħallem dwar il-litteriżmu diġitali u r-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni, jaf ikun utli li tikkunsidra dan li ġej qabel, matul u wara l-lezzjonijiet.

Suġġeriment Nru 1: Involviment tal-istudenti

Jekk ikun hemm xi studenti li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu kkontrollati, ikkunsidra li tinvolvihom fit-tħejjija tal-attivitajiet u li tagħtihom xi kompiti jew responsabbiltajiet. Jaf jissorprenduk fit-tajjeb.

Suġġeriment Nru 2: Involviment tal-Ġenituri




L-involviment fost il-ġenituri jvarja ħafna. Żmien tajjeb biex tikkomunika magħhom jista' jkun l-ewwel laqgħa tas-sena bejn l-għalliema/l-edukaturi u l-ġenituri li għaliha l-attendenza spiss tkun għolja. Jekk ikun hemm reżistenza mill-ġenituri, huwa importanti li jkollok alleati fl-iskola, bħas-surmast tal-iskola.

Nota ta' Twissija: Kwistjonijiet Kontroversjali

Spiss ikun utli ħafna li tiddiskuti Kwistjonijiet Kontroversjali mal-istudenti, speċjalment meta tirreferi għad-diżinformazzjoni, iżda dawn jaf ikunu jeħtieġu aktar żmien u kawtela. Xi eżempji jinkludu:

- Il-COVID-19 u l-vaċċini
- L-invażjoni Russa tal-Ukrajna
- L-istorja tal-inġustizzja fil-passat u fil-preżent
- Il-kriminalità u l-pieni
- Kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u mad-diversità sesswali
- Il-migrazzjoni, il-minoranzi, ir-razziżmu u r-reliġjon
- It-tibdil fil-klima u t-tisħin globali
- Il-kolonjaliżmu, l-iskjavitù, l-antisemitiżmu, iċ-ċaħda tal-Olokawst




Qabel l-Attivitajiet

Involviment tal-partijiet ikkonċernati tal-iskola

Ikkunsidra...

- Li tiddiskuti l-pjanijiet tiegħek mal-maniġment tal-iskola qabel ma tgħallem dwar suġġett sensittiv jew kontroversjali.
- Li tikkomunika mal-ġenituri permezz ta' kanali stabbiliti bejn il-ġenituri u l-iskola, u fejn possibbli tikkoordina l-isforzi, qabel ma tiddiskuti kwistjonijiet politiċi jew sensittivi relatati mad-dinja online, li inevitabbilment jistgħu jwasslu għal diskussjonijiet fid-djar tal-istudenti (ara s-Suġġeriment Nru 2).
- Li tikkoordina mal-psikologu tal-iskola jew mal-assistent soċjali tal-iskola f'każ li jkun meħtieġ appoġġ speċjalizzat (eż., f'każ li l-istudenti joffendu lil xulxin jew l-istudenti jħossuhom emozzjonalment disturbati minħabba xi suġġett).



Sir midħla tal-ambjent tal-litteriżmu diġitali

Punt tat-tluq tajjeb huwa li tikseb għarfien dwar id-drawwiet tal-media tal-komunità li fiha topera l-iskola. Dan jista' jipprovdi opportunitajiet biex tibni fuq xejriet diġà eżistenti. Dan jista' jsir permezz ta' attendenza u komunikazzjoni f'avvenimenti bejn l-iskola u l-komunità, monitoraġġ tal-media lokali u ta' media popolari oħra, u permezz ta' diskussjonijiet ma' kollegi, ma' ġenituri, u ma' studenti. Ċerti subsezzjonijiet ta' komunitajiet jista' jkollhom opinjonijiet radikali (fil-grupp) li jistgħu jiġu espressi b'mod mhux mistenni fil-klassi. Huwa utli li wieħed ikun konxju ta' dawn is-sensittivitajiet.

Għalkemm il-qasam tal-litteriżmu diġitali huwa pjuttost ġdid, hemm ħafna inizjattivi li seħħew f'dawn l-aħħar snin li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għat-tagħlim tagħkom u li jistgħu jarrikkixxu l-apprendiment tal-istudenti. Pereżempju:

- Hemm networks internazzjonali ta' għalliema u ta' edukaturi li huma interessati u esperjenzati fit-tagħlim dwar il-litteriżmu diġitali u fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni. Għandhom it-tendenza li jkunu mingħajr ħlas u jeħtieġu biss "klikk".
- Organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kummissjoni Ewropea, il-UNESCO, l-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT), il-UNICEF u l-Unjonijiet tal-Media żviluppaw riżorsi, networks u linji gwida li jistgħu jarrikkixxu l-ħidma tagħkom.
- Diversi inizjattivi nazzjonali u lokali jinvolvu ġurnalisti professjonali u organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti. Jista' jkun li xi ġurnalisti lokali diġà jkunu involuti. Ir-referenza għal ħafna minn dawn tista' tinstab fir-rapport – speċjalment fl-annessi – li ġie żviluppat sabiex jikkomplementa dawn il-Linji Gwida.
- Tista' tibbenefika billi tħares lejn kif il-gvern lokali jew nazzjonali tiegħek jista' jappoġġa l-litteriżmu diġitali tal-istudenti, kif ukoll l-isforzi u l-programmi mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- Il-libreriji lokali saru attivi f'dan il-qasam u jistgħu jgħinu sabiex l-attivitajiet jiġu introdotti fil-komunità.

Kaxxa Nru 2: Involviment ta' atturi esterni, bħal ġurnalisti professjonali, NGOs, akkademiċi u pjattaformi – benefiċċji u żvantaġġi/riskji potenzjali għall-iskejjel u għall-għalliema/edukaturi

Ma għandekx għalfejn tgħallem il-litteriżmu diġitali waħdek u tista' tintegra programmi virtwali u/jew fiżiċi ta' partijiet terzi (eż., mis-soċjetà ċivili) fit-tagħlim.

Benefiċċji Potenzjali

- L-esterni jistgħu jġibu għarfien u għarfien espert addizzjonali
- L-esterni joffru opportunitajiet għall-għalliema u għall-edukaturi biex jibnu networks ma' esperti
- L-esterni spiss ikunu kisbu esperjenza wiesgħa ta' ħidma mal-iskejjel
- L-esterni jġibu esperjenza bbażata fuq l-evidenza u prattika mill-qasam
- L-akkademiċi/l-universitajiet għandhom esperjenza fl-evalwazzjoni ta' "x'jaħdem" u "għaliex"
- L-involviment tal-esterni jista' jkun eċitanti għall-istudenti

Żvantaġġi jew Riskji Potenzjali

- Amministrazzjoni addizzjonali, eż., dwar il-loġistika u l-kunsens meħtieġa mill-maniġment tal-iskola u minn oħrajn
- Jista' jillimita l-flessibbiltà fl-ippjanar
- Jista' jġib spejjeż ekonomiċi
- Partijiet terzi jistgħu jkunu qed jippruvaw jippromwovu interessi kummerċjali, ta' ġbir ta' data jew politiċi

Int tista' wkoll tidħol online u ssib liema tipi ta' organizzazzjonijiet żviluppaw riżorsi għall-iskejjel u għat-tagħlim.



Ikkunsidra:

- Li tikkollega l-attivitajiet tal-iskola ma' networks u ma' avvenimenti internazzjonali u nazzjonali ewlenin. Fil-livell internazzjonali, dan jista' jinkludi Jum għal Internet Aktar Sikur (kull Frar), Jum Internazzjonali għall-Verifika tal-Fatti (it-2 ta' April) jew kampanji ta' sensibilizzazzjoni (il-Ġimgħa Ewropea tal-Litteriżmu Medjatiku, il-Ġimgħa Globali tal-UNESCO tal-Litteriżmu Medjatiku u fl-Informazzjoni). In-network tal-eTwinning li jkopri l-Ewropa kollha jippermetti wkoll lill-għalliema/lill-edukaturi u lill-iskejjel sabiex jingħaqdu ma' oħrajn madwar l-Ewropa. It-tema annwali fl-2021 kienet "Il-Litteriżmu Medjatiku u d-Diżinformazzjoni", li rriżultat f'konferenza emblematika u fi ktieb dwar il-ġemellaġġ elettroniku bi prattiki tajbin dwar is-suġġett.
- Li tfittex finanzjament lokali, nazzjonali u/jew internazzjonali għall-inizjattivi tiegħek. Fil-livell Ewropew dan jinkludi l-Programm Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Suġġeriment Nru 3: Indirizzar ta' kwistjonijiet kontroversjali

L-indirizzar ta' kwistjonijiet kontroversjali jista' jarrikkixxi l-apprendiment u jippromwovi l-ħsieb kritiku. Liema suġġetti ssib li huma l-aktar kontroversjali biex tgħallem fil-klassi tiegħek? U x'jaħsbu l-kollegi tiegħek? X'inhuma l-esperjenzi tagħhom ta' tagħlim dwar kwistjonijiet kontroversjali? Tistgħu taqsmu riżorsi utli ma' xulxin? L-attivitajiet jistgħu jitwessgħu b'mod kollaborattiv fost is-suġġetti kollha tal-iskola? Jistgħu jiġu mistiedna "esperti" biex jagħmlu preżentazzjonijiet fil-klassi jew fl-assembeji (wiċċ imb wiċċ jew mill-bogħod)?

Tista' tiġġudika bl-aħjar mod jekk iżżommx id-diskussjonijiet fil-klassi ħfief jew jekk tinvolvix lill-istudenti tiegħek f'livell aktar fond u aktar profond. Dan jiddependi wkoll mill-età tal-istudenti u mill-esperjenza preċedenti tiegħek fl-indirizzar ta' kwistjonijiet kontroversjali.

Meta tiddiskuti kwistjonijiet kontroversjali, jista' jkun utli li tibda b'oħrajn anqas kontroversjali u gradwalment timxi lejn dawk li jistgħu jkunu aktar kontroversjali. Dan jippermettilek tara kif iwieġbu l-istudenti, u jekk ikunux lesti u komdi li jiddiskutu kwistjonijiet aktar sensittivi (ara wkoll il-Pjan ta' Attività Nru 12 dwar it-Teoriji ta' komplott).

Il-metodoloġiji interattivi jistgħu jgħinu sabiex jinħoloq it-tip ta' atmosfera li tkun ta' benefiċċju għall-klassi meta jiġu diskussi kwistjonijiet kontroversjali. Dawn il-metodoloġiji jinkludu diskussjoni siekta, linji ta' opinjoni, attivitajiet ta' smigħ attiv, diskussjonijiet f'bozza, struzzjoni kumplessa, role plays, u apprendiment kooperattiv. Dawn il-metodoloġiji jgħinu wkoll biex jinvolvu studenti li, mingħajrhom, jaf iqisu l-attività monotona jew jitilfu l-interess.



Trawwim ta' atmosfera ta' klassi ta' apprendiment rikka

Ikkunsidra...

- Li ssir taf x'inhuma dawn li ġejjin: il-motivazzjonijiet psikosoċjali potenzjali tal-istudenti għal nuqqas ta' qbil, is-sensittivitajiet speċifiċi għall-istudenti, is-sensittivitajiet komunitarji u l-polarizzazzjoni tas-soċjetà; kif ukoll, il-pożizzjoni, l-emozzjonijiet u s-sensittivitajiet tiegħek stess.
- Li tiġbor ideat u opinjonijiet inizjali mingħand l-istudenti qabel diskussjoni dwar suġġett. Dan jista' jsir b'mod anonimu jekk ikun hemm bżonn.
- Jekk ikun hemm xi studenti li potenzjalment jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu kkontrollati, jista' jkun ta' għajnu li tinvolvihom fit-tħejjija tas-sessjoni u li tagħtihom kompiti speċifiċi .
- Li tibni l-fiduċja fil-klassi. Il-fiduċja tista' tkun fattur kruċjali li jippermetti lill-istudenti (u lill-għalliema) jkunu aktar komdi meta jiddiskutu suġġetti sensittivi u kontroversjali. Xi studenti jistgħu jikkunsidraw li xi suġġetti jkunu xierqa biss għal diskussjonijiet fi grupp (ta' studenti) u jippreferu li ma jaqsmux dak li jaħsbu. Dan jista' jittaffa b'fiduċja reċiproka.
- Li tħalli d-diskussjonijiet aktar sensittivi għal wara l-iżvilupp ta' komunità fil-klassi. Is-suġġetti kontroversjali aħjar jiġu diskussi f'ambjent miftuħ fejn l-istudenti jħossuhom sikuri, viżibbli u mismugħa.
- Li għall-ewwel tibda b'interazzjonijiet aktar preskritti u mbagħad timxi lejn interazzjonijiet anqas preskritti, fuq il-bażi tal-fluss u tad-dinamika tal-klassi.
- Li għall-ewwel tibda b'interazzjonijiet wieħed ma' wieħed (għalliem-student; student-student), imbagħad timxi lejn interazzjoni fi ħdan gruppi iżgħar, u mbagħad biss timxi lejn interazzjonijiet bejn il-klassi sħiħa.
- Li tuża apprendiment iċċentrat fuq l-istudenti, li jipprovdi lill-istudenti b'awtonomija u b'sens ta' sjieda ta' dak li jitgħallmu.

Pjan ta' Attività Nru 1: - Ħidma f'kuntest ta' diżinformazzjoni

Din li ġejja hija attività li tista' ssir f'lezzjoni ta' 45 minuta.

Rimarki tal-bidu (madwar 5 minuti).

Fil-bidu tal-lezzjoni, staqsi lill-istudenti kollha, individwalment, kif qed iħossuhom. Isma' t-tweġibiet tagħhom bir-reqqa. Irreaġixxi għat-tweġibiet b'mod newtrali, billi tgħid: "grazzi." L-istudenti l-oħrajn jisimgħu fis-skiet. Fassal l-ordni li fiha tistaqsi lill-istudenti għal għarrieda.

Introduzzjoni (madwar 5 minuti)


Aqsam ħsieb jew esperjenza personali relatata mad-diżinformazzjoni, jew link għal aħbar dwar id-diżinformazzjoni. Wara li tippreżenta introduzzjoni qasira, staqsi mistoqsija dwar id-diżinformazzjoni, bħal "kemm taħseb li din id-diżinformazzjoni hi serja?" jew "x'taħseb li hu l-iskop ta' din id-diżinformazzjoni"?

Diskussjoni mmudellata (madwar 25 min)

Qassam biċċiet żgħar ta' karti. Agħti lill-istudenti 90 sekonda biex isawru tweġiba qasira għall-mistoqsija tiegħek. Informahom li se jaqraw it-tweġibiet tagħhom b'leħen għoli. Imbagħad agħżel pari b'mod każwali. Ħalli lill-ewwel student ta' par jistaqsi l-mistoqsija lit-tieni student. It-tieni student jaqra t-tweġiba tiegħu. Imbagħad, jeqilbu r-rwoli. Kompli fforma l-pari sakemm ikunu nstemgħu l-istudenti kollha. Jekk l-għadd ta' studenti jkun fard, inkludi lilek stess f'par. Jekk jifdal il-ħin, staqsi għal riflessjonijiet.

Rimarki tal-aħħar (madwar 8 minuti)

Fl-aħħar tal-lezzjoni, staqsi lill-istudenti kollha, individwalment, jekk tgħallmux xi ħaġa fil-lezzjoni. Uża l-prinċipji tar-rimarki tal-bidu.



Pjan ta' Attività Nru 2: Apprendiment dwar il-multiperspettività permezz ta' diversi sorsi

Nota: din l-attività tieħu madwar 3x45 minuta

Lezzjoni Nru 1: Sib avveniment fl-istorja li jista' jiġi interpretat b'modi differenti, skont iż-żewġ naħat (jew aktar) involuti. Eżempji jinkludu diversi gwerer ta' indipendenza, il-Gwerra Ċivili tal-Istati Uniti, l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-kunflitt fl-Irlanda ta' fuq, il-gwerra fil-Balkani fis-snin disgħin.

Ippreżenta lill-istudenti żewġ narrattivi qosra separati (jew inkella għidilhom isibu żewġ narrattivi separati online) fir-rigward tal-kunflitt. Kull grupp isib 5-10 sorsi online li jipprovdu informazzjoni dwar il-kunflitt – jekk possibbli, minn naħat differenti (jaf ikollhom bżonn l-assistenza). Itlobhom jippreżentaw dawn is-sorsi fil-qosor lill-klassi. Qabbilhom u kkuntrastahom.

Ippreżenta dikjarazzjoni bħal: "Il-kawża ewlenija tal-kunflitt kienet nuqqas min-naħa ta' X li tagħti drittijiet tal-bniedem sħaħ lill-persuni li jgħixu f'Y".

Lezzjoni Nru 2: Jinħolqu żewġ gruppi: dawk li jaqblu mad-dikjarazzjoni u dawk li ma jaqblux. L-eħfef mod hu li tiġi assenjata sħubija fi grupp – nofshom isiru l-grupp "Naqblu" u nofshom isiru l-grupp "Ma naqblux".

Kull student issa juża l-5-10 sorsi online li l-grupp tiegħu identifika biex jiżviluppa żewġ argumenti b'saħħithom favur jew kontra d-dikjarazzjoni. L-istudenti jiġbru u jiktbu l-evidenza tagħhom. Fil-bidu jagħmlu dan bħala individwi – fl-ewwel nofs tal-lezzjoni. Imbagħad, jaħdmu f'sottogruppi żgħar tal-istess fehma (madwar 4-6 persuni f'kull grupp) u jaqsmu l-argumenti tagħhom. Kull sottogrupp joħloq kartellun diġitali bil-ħames argumenti ewlenin tiegħu.

Lezzjoni Nru 3: Il-gruppi jirfinaw il-kartelluni tagħhom u jippreżentawhom lill-klassi kollha. L-istudenti kollha jagħtu punteġġ għal kull wieħed mid-diversi argumenti (minn 1 sa 10) u jiddiskutu għaliex huma taw il-punteġġi għall-argumenti b'dan il-mod, speċjalment abbażi tal-evidenza li sabu fis-sorsi. Il-punteġġ jista' jsir ukoll bl-użu ta' għodod online. Iddiskuti fi gruppi żgħar ġodda ż-żewġ naħat tal-istorja u pprovaw iddeterminaw kif l-aħjar li tifhmu l-kwistjoni kontroversjali. Irriflettu dwar jekk hemmx mod kif jiġu integrati l-argumenti u l-kontroargumenti? Hemm soluzzjoni tan-nofs? Jistgħu jilħqu kunsens?

Inkella, tista' tintuża varjetà ta' metodoloġiji biex l-istudenti jiddiskutu l-kwistjoni - eż. dibattitu f'perkors ("gallery walk") (virtwali), il-metodu Sokratiku, dibattitu tradizzjonali, dibattitu f'bozza ("fishbowl"), dibattitu ta' kontroeżami, u dibattitu akkademiku.

Nota: dan l-approċċ jeħtieġ tmexxija sinifikanti min-naħa tiegħek, bħala l-għalliem/l-edukatur.

Waqt l-attivitajiet

Ikkunsidra....

- Li tattiva u żżomm atmosfera miftuħa u ta' sostenn fil-klassi.
- Kif tinkwadra l-kwistjonijiet. Dan jista' jseħħ b'modi differenti biex isiru rilevanti għall-istudenti.
- Li żżomm djarju personali ta' kif l-istudenti jirrispondu għat-tagħlim tiegħek dwar kwistjonijiet impenjattivi u kontroversjali. Huma wkoll jistgħu jżommu djarji bħal dawn għar-riflessjonijiet tagħhom.
- Li toqgħod attent(a) għar-reazzjonijiet emottivi fil-klassi u possibbilment li tiskopri sensittivitajiet speċifiċi għall-istudenti. Xi studenti jaf ikollhom opinjonijiet radikali li jiġu espressi b'mod mhux mistenni fil-klassi.
- Li toqgħod attent(a) għat-tendenzi fi ħdan il-gruppi u barra mill-gruppi. Iż-żgħażagħ u l-adulti xi drabi jaraw l-użu tal-media diġitali ta' xulxin bħala "mhux xieraq" u jistgħu jużaw dan bħala bażi għall-istereotipar negattiv tal-grupp l-ieħor.
- Li tosserva sa liema punt l-attivitajiet tiegħek jistgħu jkomplu jsaħħu d-dinamika fi ħdan il-gruppi meta mqabbla mad-dinamika barra mill-gruppi, bejnek u l-istudenti, u fost l-istudenti.
- Li titlob feedback mingħand studenti individwali b'mod regolari kemm jista' jkun, speċjalment meta jsiru diskussjonijiet dwar kwistjonijiet kontroversjali u meta l-istudenti juru mġiba mhux xierqa.
- Li tagħti eżempju. Jekk tħossok komdu/a b'dan, li taqsam xi eżempji personali ta' kif inti bħala persuna (jew għalliem/edukatur) tiżviluppa l-litteriżmu diġitali tiegħek u/jew kont espost(a) għal diżinformazzjoni jista' jistieden lill-istudenti biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom stess.
- Li ssib bilanċ bejn klima miftuħa tal-klassi u spazju sikur. Fi klima miftuħa tal-klassi, l-istudenti jistgħu jgħidu dak li jkun f'moħħhom u jaqsmu il-fehmiet u l-opinjonijiet tagħhom b'mod ħieles. Madankollu, individwu jew grupp ta' studenti jista' jħossu offiż jew disturbat minn rimarki magħmulin minn oħrajn.
- Li toqgħod attent(a) għall-fatturi ta' riskju. Ir-riskju li l-istudenti jħossuhom aljenati meta jiġu ttrattati prekunċetti, miti u preġudizzji. Nuqqas ta' qbil jista' jiġi ttrattat permezz ta' djalogu, billi l-opinjonijiet jiġu sseparati mill-persuna li tħaddanhom, u billi jiġu introdotti perspettivi multipli bbażati fuq il-fatti fid-diskussjoni.

Wara l-attivitajiet

Ikkunsidra....

- Li tiddiskuti mal-istudenti dwar x'tgħallmu, f'xiex ħadu gost u f'xiex ħadu anqas gost.
- Li tfassal attivitajiet ġodda li jibnu fuq dawk preċedenti, filwaqt li tinvolvi lill-istudenti b'mod attiv f'dan il-proċess.
- Jekk int żammet djarju ta' kif l-istudenti wieġbu għal-lezzjonijiet li jittrattaw kwistjonijiet kontroversjali, li tiddiskuti dwar dan mal-psikologu tal-iskola, mal-għalliema superviżuri jew mal-pedagogi tal-iskola.
- Li tagħmel preżentazzjonijiet lil klassijiet jew lil skejjel oħrajn (jistgħu jkunu virtwali).
- Li tagħmel valutazzjoni aktar formali tal-għarfien u tal-ħiliet miksuba mill-istudenti u/jew evalwazzjoni tal-metodi ta' apprendiment u ta' tagħlim użati (ara t-taqsima dwar il-valutazzjoni fil-Linji Gwida).


Suġġeriment Nru 4: Turija tal-empatija

Fid-dawl tat-trawwim ta' spazju ta' apprendiment sikur, huwa utli li studenti li jammettu li jemmnu ċerti tipi ta' diżinformazzjoni, bħal teorija ta' komplott prevalenti ma jitwaqqgħux għaċ-ċajt jew ma jiġux iżolati. L-empatija tista' tkun punt tat-tluq tajjeb. Ikunu qed jieħdu riskju jekk jaċċettaw li jemmnu ċerti tipi ta' diżinformazzjoni. Tista' tagħżel ukoll li tammetti ċerti vulnerabbiltajiet li jkollok inti stess jekk tħossok komdu/a.

Kultant tgħin li l-istudenti l-ewwel jitkellmu dwar "xi ħadd li naf....." biex jagħmlu ammissjonijiet anqas personali u l-istudenti jkunu anqas vulnerabbli għall-kritika mill-istudenti sħabhom.

Suġġeriment Nru 5: Debriefing

Agħti debriefing lill-istudenti dwar il-ħsibijiet, l-esperjenzi u l-emozzjonijiet tagħhom. Staqsihom x'tgħallmu u kif jixtiequ jibnu fuq dak li għadhom kif għamlu.



6. Bini ta' kompetenzi fil-litteriżmu diġitali fil-klassi u fl-iskola: insiru ċittadini diġitali

X'inhi ċ-ċittadinanza diġitali, u għaliex hija importanti?

Iċ-ċittadini diġitali...

- Ikollhom il-ħiliet, l-attributi u l-imġiba sabiex jipparteċipaw b'mod sikur, effettiv, kritiku u responsabbli fid-dinja online.
- Jistgħu jisfruttaw il-benefiċċji u l-opportunitajiet tad-dinja online filwaqt li jkunu reżiljenti għall-ħsara.
- Jużaw it-teknoloġiji diġitali biex jappoġġaw iċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni soċjali tagħhom, il-kollaborazzjoni mal-oħrajn, u l-kreattività tagħhom lejn l-għanijiet personali, soċjali jew kummerċjali.
- Huma konxji mill-valuri ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem u kif dawn il-valuri huma simili online u offline (il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-parteċipazzjoni, id-dinjità, eċċ.).

Iċ-ċittadinanza diġitali hija sett ta' ħiliet miksuba. Fis-soċjetà diġitali, bħal fis-soċjetà "offline", hemm xi kunċetti, għodod u kompetenzi ewlenin li l-istudenti tiegħek jeħtieġ li jsiru konxji tagħhom biex jippromwovu l-apprendiment tagħhom. L-istudenti jeħtieġ ukoll li jiksbu aċċess għall-għodod li jkollhom bżonn biex jiżviluppaw il-kompetenzi tal-litteriżmu diġitali tagħhom. Inti għandek rwol importanti f'dak il-proċess.

Li wieħed ikun diġitalment litterat ifisser li jkun jaf kif juża t-teknoloġiji diġitali għall-*aċċess, għall-ġestjoni, għall-fehim, għall-integrazzjoni, għall-komunikazzjoni, għall-evalwazzjoni, għall-ħolqien, u għat-tixrid* tal-informazzjoni – b'modi sikuri u xierqa. Barra minn hekk, il-litteriżmu diġitali jista' jgħin lill-istudenti jipparteċipaw b'mod attiv, jitgħallmu, jibnu karrieri sodisfaċenti, u jinteraġixxu soċjalment fis-soċjetà tal-lum. Bħala tali, il-litteriżmu diġitali huwa prerekwiżit għall-iżvilupp ta' ċittadinanza diġitali attiva u emanċipata.


Kif jaf innutajt, l-istudenti diġà huma diġitalment litterati f'diversi livelli. Pereżempju, uħud jistgħu jbatu biex jaqraw u jiktbu, iżda huma tajbin ħafna biex jinvolvu rwieħhom fil-konsum u fil-produzzjoni ta' kontenut diġitali, bħal biex jibagħtu noti vokali jew jieħdu ritratti. Oħrajn jaf jitħabtu biex jaċċessaw jew jużaw it-teknoloġiji, u b'hekk ikun aktar diffiċli li tilħaqhom u tikkomunika magħhom waqt it-tagħlim mill-bogħod.

Suġġeriment Nru 6: Ludifikazzjoni u apprendiment ibbażat fuq il-logħob

Il-ludifikazzjoni u l-apprendiment ibbażat fuq il-logħob jistgħu jtejbu l-eżiti edukattivi, jekk jitfasslu kif xieraq.

Dawn huma wħud mill-benefiċċji:

1. Għandhom it-tendenza li joffru apprendiment li jaqbel mal-istil ta' ħajja diġitali taż-żgħażagħ tal-lum
2. Jistgħu jipprovdu motivazzjoni addizzjonali u jagħmlu t-tagħlim u l-apprendiment divertenti, kreattivi u ta' ispirazzjoni.
3. Il-ludifikazzjoni u l-apprendiment ibbażat fuq il-logħob għandhom it-tendenza li jkunu flessibbli, trasferibbli għal kwalunkwe kuntest, u jistgħu jiġu adattati faċilment għal kwalunkwe suġġett tal-iskola. Jistgħu jintużaw ukoll għal kwistjonijiet kumplessi li jinftiehmu aktar faċilment permezz ta' logħba.



Ikkunsidra...

- Li tistieden lill-istudenti tiegħek jaqsmu kif it-teknoloġija u l-media soċjali jistgħu joħolqu bidla pożittiva u spazji pożittivi fil-komunità u fis-soċjetà li jgħixu fiha.
- Li tiddiskuti mal-istudenti tiegħek il-ħiliet li se jkollhom bżonn meta jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-futur. Dan jista' jinkludi sett ta' ħiliet diġitali (bħall-fehim tal-ekonomiji diġitali, il-kodifikazzjoni, il-fehim tal-algoritmi, il-ħsieb komputazzjonali, u ħiliet diġitali oħra) u l-ħiliet personali (eż., interpersonali) f'dinja fejn l-interazzjoni bejn bniedem u ieħor hija siewja.
- Li titlob lill-istudenti jsibu informazzjoni akkurata online dwar kwistjonijiet relatati maċ-ċittadinanza (eż., id-demokrazija, l-elezzjonijiet lokali, id-drittijiet tal-bniedem, u t-tibdil fil-klima) u x'inhuma l-ispazji xierqa għall-parteċipazzjoni online.

- Jekk l-atmosfera tal-klassi tippermetti (speċjalment jekk l-istudenti jkunu mdorrijin jiddiskutu kwistjonijiet politiċi), li tistaqsi lill-istudenti tiegħek jekk jaħsbux li d-diżinformazzjoni politika tista' tinxtered permezz tal-media u l-impatt li jista' jkollha. Jista' jkollha impatt fuq l-eżiti ta' elezzjonijiet demokratiċi? B'liema mod? Jistgħu jagħtu eżempji?
- Li tipprovdi lill-istudenti links għal sorsi kredibbli ta' informazzjoni, pereżempju dwar kwistjonijiet soċjali u kwistjonijiet relatati maċ-ċittadinanza. Aħjar minn hekk, itlobhom jirriċerkaw dwar dawn u jagħtu feedback.
- Li tagħti attenzjoni lill-benesseri diġitali, jiġifieri kif l-għodod diġitali jibbenefikaw jew ikollhom impatt negattiv fuq is-saħħa (mentali jew fiżika) tal-istudenti tiegħek, u r-relazzjonijiet li għandhom mal-istudenti sħabhom u mal-familja tagħhom.

Kif tibda t-tagħlim tal-litteriżmu diġitali

It-tagħlim u l-apprendiment tal-litteriżmu diġitali huma importanti fis-soċjetà kontemporanja. Madankollu, xi wħud minnkom jaf iżżommu lura milli tieħdu passi biex tmexxu lill-istudenti tagħkom lejn l-iżvilupp ta' kompetenzi ta' litteriżmu diġitali minħabba li ma tħossukomx komdi tgħallmu suġġett li jista' jkun li ma tafux ħafna dwaru, jew minħabba li l-istudenti tagħkom jaf diġà jkunu midħla ferm tat-teknoloġija. Jaf ikun importanti li tiftakar li ma għandekx għalfejn tkun espert(a) tat-teknoloġija biex tgħallem il-litteriżmu diġitali peress li l-litteriżmu diġitali jmur ferm lil hinn mill-għarfien dwar kif tuża apparat.

Kaxxa Nru 3: Kapaċi fl-użu tat-teknoloġija jew le?

Tassumix li l-istudenti kollha kapaċi jużaw it-teknoloġija. Mhux iż-żgħażagħ kollha huma midħla sew tat-teknoloġija jew iħossuhom kunfidenti jużaw it-teknoloġiji diġitali. Filwaqt li xi wħud żviluppaw sew il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, oħrajn għandhom livell baxx ta' ħiliet diġitali u jbatu biex iwettqu saħansitra kompiti diġitali bażiċi. Anke għaż-żgħażagħ – id-dinja diġitali spiss tkun diffiċli biex jifhmuha. Jistgħu jidħlu fi kmamar tal-eku iżda rarament ikunu jafu kif "jeħlu hemmhekk". Jista' jkollhom teknoloġiji bħala parti mill-ħajja ta' kuljum tagħhom, iżda ma jifhmux kif jaħdmu jew għaliex l-algoritmi juruhom ċertu kontenut. L-istudenti mhux dejjem ikunu jeħtieġu appoġġ tekniku, u jaf jidhru li jirrifjutawh, iżda spiss ikollhom bżonn lil xi ħadd li jista' jgħinhom jinnavigaw fl-abbundanza ta' informazzjoni li jiltaqgħu magħha fuq bażi regolari, u jgħinhom ukoll jiddistingwu t-taparsi fatti ("factoids") mill-għarfien, u l-asserzjonijiet ta' verità ("truth claims") mill-evidenza.



Ikkunsidra...

- Li tammetti l-fatt li bħala għalliem jew edukatur ma tkunx taf u ma tistax tkun taf kollox. Madankollu, bħala għalliem jew edukatur, int tinsab f'pożizzjoni tajba biex toffri l-kuntest neċessarju, riflessjoni kritika fil-pront, u toffri appoġġ.
- Inkludi suġġetti diġitali li huma verament importanti għall-istudenti tiegħek. Li tippermetti lill-istudenti jiftħu u jitkellmu dwar l-interessi tagħhom, jgħinu fil-ħolqien tal-pjan tal-lezzjonijiet, filwaqt li jużaw l-apparat u l-ispazji diġitali li huma l-aktar midħla tagħhom.
- Li tiddiskuti l-imġiba online mal-istudenti tiegħek, u kif isiru ċittadin responsabbli, attur soċjali pożittiv ġewwa u barra mill-klassijiet tagħhom.

Suġġeriment Nru 7:Teħid ta' spunti mill-istudenti

Ħu spunti għall-attivitajiet ta' litteriżmu diġitali mingħand l-istudenti u mill-esperjenzi tagħhom. It-tfal u ż-żgħażagħ jaffaċċjaw sfidi online kuljum (messaġġ kattiv; dubju dwar il-privatezza; kwistjoni ta' aċċess; diskors ta' mibegħda; eċċ.). Ħalli t-tħassib u l-esperjenzi ta' kuljum tal-istudenti jiggwidaw is-suġġetti tal-lezzjonijiet, u agħmilhom rilevanti u prattiċi, mingħajr ma ġġegħilhom jistħu jew tiġġudikahomhom. Dan jista' joħloq (jekk jiġi ttrattat sew) atmosfera ta' awtenticità u ta' fiduċja fil-klassi.



Objettivi tal-apprendiment tal-litteriżmu diġitali

Hawn taħt hawn xi objettivi speċifiċi ta' apprendiment għal-litteriżmu diġitali, rilevanti għal-livelli primarji u sekondarji. Din il-ħarsa ġenerali tista' tkun ta' għajnuna għat-tagħlim tiegħek. Dawn huma bbażati fuq oqfsa stabbiliti bħall-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali (DigComp 2.2[4])u l-eżiti tal-apprendiment tal-Programm Finlandiż dwar il-Litteriżmi Ġodda[5]:

Fl-iskola primarja, l-istudent...

- Jista' jfittex b'mod indipendenti informazzjoni dwar kwistjonijiet u fenomeni li huwa interessat fihom.
- Jista', bi gwida, jevalwa l-kredibbiltà u l-utilità tal-informazzjoni.
- Huwa konxju li l-ambjenti online fihom it-tipi kollha ta' informazzjoni u ta' kontenut inklużi miżinformazzjoni u diżinformazzjoni.
- Jifhem id-differenza bejn id-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni u l-informazzjoni malizzjuża.
- Huwa midħla tal-prinċipji bażiċi tal-protezzjoni tal-privatezza.
- Jaf x'tip ta' metodi ta' protezzjoni tal-privatezza jeżistu fl-ambjenti tal-media.
- Jirrifletti fuq il-konsum tiegħu tal-kontenut tal-media u fuq is-servizzi li juża mill-perspettiva tad-drittijiet tal-awtur.
- Jista' jfittex kontenut tal-media li jista' jintuża mingħajr ħlas u bil-permess.
- Jista' jiddeskrivi d-drawwiet tiegħu jew tagħha tal-użu tal-media u jista' jirrifletti fuq l-importanza tal-media f'ħajtu.
- Jista' juża għodod diġitali b'mod xieraq u sikur biex joħloq outputs għal udjenzi speċifiċi.
- Jaf kif joħloq u jaqsam il-kontenut medjatiku.
- Jista' juża għodod diġitali b'mod xieraq u sikur biex joħloq outputs għal udjenzi speċifiċi.
- Jaf kif jinvolvi ruħu b'rispett online u jaf kif jaċċessa informazzjoni akkurata.

Sal-iskola sekondarja, l-istudent...

- Jaf li l-kontenut, il-prodotti u s-servizzi diġitali jistgħu jkunu protetti mid-drittijiet tal-awtur.
- Jista' jivvaluta b'mod kritiku l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tas-sors ta' informazzjoni u tal-kontenut diġitali.
- Jista' jevalwa, bi gwida, tipi differenti ta' kontenut tal-media bħala sorsi ta' informazzjoni u jista' jirrifletti fuq l-utilità u l-affidabbiltà tagħhom.
- Jifhem in-natura tal-media soċjali bħala sors ta' informazzjoni u għaliex huwa importanti li tkun kritika dwar l-informazzjoni li tinxtered soċjalment.
- Huwa konxju li l-magni tat-tiftix, il-media soċjali u l-pjattaformi tal-kontenut ta' spiss jużaw algoritmi tal-IA biex jiġġeneraw risponsi u juru kontenut li jkun adattat għall-preferenzi tal-utent individwali jew definit minnhom.
- Jista' janalizza x-xejriet tal-konsum tal-media tiegħu stess.
- Jista' jikseb, jipproċessa u jippreżenta informazzjoni bbażata fuq ir-riċerka bl-użu ta' metodi u ta' għodod xierqa.
- Huwa konxju li ħafna applikazzjonijiet fuq l-internet u fuq il-mobiles jiġbru u jipproċessaw data (jiġifieri data personali, data dwar l-imġiba, u data kuntestwali) li l-utent jaċċessa jew jikseb. Dan isir, pereżempju, biex jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tan-nies online (eż., klikks fil-media soċjali, tiftix fuq Google) u offline (eż., in-numru ta' passi kuljum, in-numru ta' rikbiet fuq it-trasport pubbliku).
- Jista' juża għodod diġitali biex jivverifika l-awtentiċità ta' ritratti u ta' vidjows online.
- Jaf liema strateġiji għandu juża għall-kontroll, għall-ġestjoni jew għat-tħassir ta' data li tinġabar/tintwera minn sistemi online.

[4] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC128415

[5] https://okm.fi/en/new-literacies-programme

- Jaf li s-sistemi tal-IA jistgħu jintużaw awtomatikament biex joħolqu kontenut diġitali (eż. testi, aħbarijiet, komponimenti, tweets, mużika, immaġnijiet) bl-użu ta' kontenut diġitali eżistenti bħala s-sors tiegħu. Kontenut bħal dan jista' jkun diffiċli biex wieħed jiddistingwih minn kreazzjonijiet tal-bniedem.
- Huwa konxju tal-preġudizzju ta' konferma u jiżviluppa approċċ kritiku lejn il-ħsieb tiegħu stess.
- Huwa konxju tat-tifsira ta' messaġġi mhux verbali (eż., smiley faces, emojis) użati f'ambjenti diġitali (eż., media soċjali, messaġġerija istantanja) u jaf li l-użu tagħhom jista' jvarja b'mod kulturali bejn il-pajjiżi u l-komunitajiet.

Pjan ta' Attività Nru 3: – Ħidma bid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali Ewropej


Bħala parti fundamentali mill-fatt li tkun ċittadin diġitali, huwa importanti li tkun konxju/a u teżerċita d-drittijiet diġitali tiegħek. F'Jannar 2022, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet id-*"Dikjarazzjoni dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali Ewropej"*. Fost drittijiet oħra proposti, id-dikjarazzjoni tistipula li:

- It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom jingħataw is-setgħa li jagħmlu għażliet sikuri u infurmati u jesprimu l-kreattività tagħhom fl-ambjent online.
- It-tfal għandhom id-dritt li jkunu protetti mir-reati kollha, imwettqin jew iffaċilitati permezz ta' teknoloġiji diġitali.
- Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu online. Dak id-dritt jinkludi l-kontroll dwar kif tintuża d-data u ma' min tiġi kondiviża.
- Kulħadd għandu jkollu aċċess għal teknoloġiji, għal prodotti u għal servizzi diġitali li jkunu sikuri, siguri, u jipproteġu l-privatezza mid-disinn.
- Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-espressjoni fl-ambjent online, mingħajr il-biża' li jiġi ċċensurat jew intimidat.


Staqsi lill-istudenti tiegħek biex l-ewwel joħorġu bid-drittijiet tagħhom stess u x'inhu importanti għalihom – imbagħad qabbel l-ideat tagħhom mad-drittijiet diġitali proposti fil-livell Ewropew.

Pjan ta' Attività Nru 4: Traċċar tal-impronta diġitali

Agħmel xi riċerka flimkien mal-istudenti tiegħek dwar l-impronti diġitali (ara d-definizzjoni fit-taqsima 4) u ddiskuti sa liema punt l-impronti tagħkom jinħolqu b'mod attiv jew passiv. Ipprova sir af kemm id-data tiegħek tivvjaġġa għand partijiet terzi fix-xenarju tal-edukazzjoni jew lil hinn minnu. Irrifletti flimkien mal-klassi tiegħek dwar il-benefiċċji (eż., l-ottimizzazzjoni, il-personalizzazzjoni) u l-iżvantaġġi (ksur tal-privatezza?) li dan jista' jkollu, u kif l-istudenti jistgħu jimmaniġġaw bl-aħjar mod il-preżenza elettronika tagħhom.



7. Diżinformazzjoni: Fuq xiex qed nitkellmu?



Dawn il-Linji Gwida jħarsu primarjament lejn id-diżinformazzjoni. Kif imsemmi fit-taqsima 4, id-diżinformazzjoni tinħoloq, tiġi ppreżentata u tixxerred għall-qligħ ekonomiku jew għall-qerq intenzjonali. Sabiex jiġi ċċarat ulterjorment il-kunċett ta' diżinformazzjoni, jista' jkun utli li wieħed iħares lejn xi eżempji.

Dawn li ġejjin huma eżempji li jagħtu idea tat-tipi ta' diżinformazzjoni li l-istudenti jaffaċċjaw kemm fil-klassi kif ukoll barra minnha. F'kull wieħed minn dawn ix-xenarji[6], hemm l-intenzjoni ta' qerq u ta' manipulazzjoni tal-opinjonijiet, tal-emozzjonijiet u tal-azzjonijiet tan-nies.

1. F'tentattiv intenzjonat ta' attakk fuq il-gvernijiet u fuq il-programmi tas-saħħa tagħhom, inxterdet informazzjoni falza fuq diversi blogs li l-vaċċini tal-COVID-19 mhumiex maħsuba biex jipproteġuna mill-marda tal-coronavirus iżda huma forma ta' kontroll tal-popolazzjoni tal-massa. Huwa ddikjarat, mingħajr evidenza, li l-vaċċini huma għodda tal-gvernijiet biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima billi jnaqqsu l-popolazzjoni u dawn il-vaċċini huma mfasslin biex jikkawżaw l-infertilità.
2. F'tentattiv biex jinxteħet dawl ikrah fuq il-komunità LGBTIQ, ħafna utenti fuq il-media soċjali kienu qed ixerrdu informazzjoni f'Mejju 2022 li student li daħal jispara fuq studenti oħrajn fi skola f'Texas kien transġeneru. Id-dikjarazzjonijiet mhux akkurati ġew amplifikati wkoll minn diversi politiċi u minn influwenzaturi politiċi tal-Istati Uniti, li xi wħud minnhom rabtu wkoll b'mod aktar wiesa' t-transġeneriżmu mal-vjolenza.
3. Storja li xxerrdet fi Frar 2017 minn politiku Franċiż ferm magħruf sostniet li l-kampanja tal-President Emmanuel Macron kienet appoġġata finanzjarjament mill-Arabja Sawdija. Sit web ta' gazzetta importanti ġie kklonat biex l-istorja tidher leġittima u ġiet ippubblikata storja falza.
4. F'Marzu 2022, ħareġ vidjow tal-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelensky li fih deher wara podju jgħid lill-Ukreni jneħħu l-armi u jċedu. Għalkemm dan l-ħekk imsejjaħ "deepfake" ma kienx sofistikat, għall-għajn mhux imħarrġa kien jidher veru.
5. Fi Frar 2022, tweet qarrieqi minn kont taparsi tas-CNN ħabbar b'mod falz "l-ewwel vittma Amerikana tal-kriżi fl-Ukrajna." Għalkemm l-informazzjoni kienet falza b'mod verifikabbli, wasslet għal attakki fuq il-media soċjali dwar il-leġittimità tas-CNN bħala sors tal-aħbarijiet.

Indirizzar tad-diżinformazzjoni


Hekk kif l-istudenti jiżviluppaw l-identitajiet soċjali tagħhom u jibnu l-fehmiet tagħhom tad-dinja, jiltaqgħu ma' kwantità enormi ta' informazzjoni, partijiet minnha siewja u illuminanti, u partijiet minnha foloz, qarrieqa u manipulattivi. Fis-seklu 21, ħafna minn din l-informazzjoni hija online jew tiġi kkomunikata permezz tal-media soċjali.

Fid-dinja tal-lum, id-diżinformazzjoni tista' tinxtered b'mod sinifikanti aktar 'il bogħod, aktar malajr, aktar fil-fond, u b'mod usa' mill-informazzjoni reali. L-aktar komunikaturi effettivi fid-dinja diġitali tagħna mhumiex neċessarjament professjonisti mħarrġa, bħall-ġurnalisti, iżda ta' spiss ikunu l-ewwel, l-aktar veloċi, u l-aktar prevalenti online, billi jużaw messaġġi personalizzati sabiex jilħqu lill-udjenzi tagħhom. Id-diżinformazzjoni tista' potenzjalment tikkawża ħsara lill-individwi, lill-gruppi u lis-soċjetà. Tista' tieħu wkoll ħafna forom (ara l-**Kaxxa Nru 4** ta' hawn taħt għal ftit eżempji). Madankollu, karatteristika importanti tad-diżinformazzjoni kollha hija li l-finzjoni, l-informazzjoni falza, u l-opinjonijiet jiġu promossi bħala fatt u "l-verità".

[6] Dawn ix-xenarji ttieħdu minn diversi siti web bi preġudizzju medjatiku. Il-Kummissjoni Ewropea ma tieħu l-ebda pożizzjoni uffiċjali dwar il-veraċità ta' dawn l-eżempji.

Pjan ta' Attività Nru 5: - Kif tiddeċiedi hux fatt jew opinjoni?

Ilgħab il-"logħba tal-fatti jew tal-opinjonijiet" mal-istudenti tiegħek. Dan huwa mod faċli ħafna u ludifikat kif tikseb informazzjoni intuwittiva dwar il-fatti meta mqabbla mal-opinjonijiet u hu adattat għall-istudenti kemm fl-iskejjel primarji kif ukoll f'dawk sekondarji. Ippreżenta lill-istudenti b'10 dikjarazzjonijiet magħżula minn qabel li jkunu fatt jew opinjoni (pereżempju: "it-temperatura barra hi ta' żero gradi" kontra "wisq kesħa barra"). Dikjarazzjonijiet bħal dawn jistgħu jinstabu faċilment online (komdi għal referenza fil-futur). L-istudenti jridu jiddeċiedu liema dikjarazzjonijiet huma fatti u liema huma opinjonijiet. L-istudenti għandhom jipprovdu wkoll argumenti għaliex jaħsbu li dan ikun il-każ. Din l-attività tista' tiġi estiża billi tistaqsi kif l-istudenti jiddeterminaw x'inhu fatt u x'inhi opinjoni?



Jista' jsir eżerċizzju simili bix-xjenza meta mqabbla mal-psewdoxjenza. Dan ikun aktar adattat għal studenti ftit akbar fl-età.

Suġġeriment Nru 8: Verifika tas-sorsi



Kemm-il darba l-istudenti jivverifikaw is-sors meta jaqraw l-artikli fil-feeds tal-aħbarijiet tagħhom? Qatt jivverifikaw jekk il-fatti ppreżentati jkunux verament akkurati? Jekk iva, kif jagħmlu dan?

Iddiskuti mal-istudenti tiegħek x'inhi d-differenza bejn il-ġurnalisti professjonali tal-media u dawk ċittadini.

- Li tqajjem diskussjoni mal-istudenti. Itlobhom jelenkaw il-karatteristiċi kollha li jiġuhom f'moħħhom meta jaraw il-kelma "fatt" u x'jiġihom f'moħħhom meta jisimgħu l-kelma "opinjoni". X'jipperċepixxu bħala s-similaritajiet u d-differenzi?

Nota ta' Twissija – In-nies (iż-żgħażagħ) iridu joqogħdu attenti għal dawn it-tipi ta' kontenut qarrieqi!

Attribuzzjoni falza: Stampi, vidjows jew kwotazzjonijiet awtentiċi jittieħdu minn avvenimenti oħra

Kontenut iffabbrikat: Kontenut li jiġi ffabbrikat, xi drabi kkombinat ma' kontenut reali

Sorsi impusturi: Pereżempju, siti web, blogs, jew kontijiet ta' Twitter li jagħmluha ta' marka jew ta' persuna magħrufa sew, jew bħala ħabib (tal-iskola)

Konnessjoni falza: Il-kontenut ma jaqbilx mat-titlu/mas-sottotitoli deskrittivi

Kuntest falz: L-informazzjoni mogħtija hija bażikament akkurata iżda f'kuntest mhux akkurat

Kontenut imbagħbas: Kontenut, bħal statistiki, graffs, ritratti, u vidjows jiġu mmodifikati jew imbagħbsa. Dan jinkludi cheap fakes u deepfakes

Informazzjoni malizzjuża sfruttata: Fatti eżaġerati, minfuħin artifiċjalment

Konklużjonijiet ibbażati fuq xnigħat: Konklużjonijiet finali bbażati fuq informazzjoni ppreżentata bħala "xnigħat"



Pjanijiet ta' attività alternattivi li għandhom jiġu kkunsidrati:

- Li l-istudenti, fi gruppi żgħar, imorru f'diversi strumenti tal-media online u jaqraw dwar problema soċjali (pereżempju t-tibdil fil-klima). Għidilhom jaqraw artiklu wieħed jew aktar minn fost dawk magħżula minn qabel u jiddistingwu x'inhi opinjoni u x'inhu fatt f'dawn l-artikli. Il-fatti huma konsistenti bejn l-artikli? Xi ngħidu dwar l-opinjonijiet?
- Li l-istudenti jiktbu komponiment (argumentattiv) dwar problema soċjali li tinteressahom u titlobhom jinkludu kemm fatti kif ukoll opinjonijiet fil-komponiment tagħhom.

Kaxxa Nru 4: Xi forom speċifiċi ta' diżinformazzjoni – opportunitajiet għall-għalliema u għall-edukaturi f'suġġetti tal-iskola partikolari

Iċ-cheapfakes qed jiġu ġġenerati dejjem aktar miż-żgħażagħ stess. Pereżempju, għal bullying (ċibernetiku) fuq xi ħadd, student jew grupp ta' studenti jista' jieħu wiċċ student (il-vittma) u jżidu fuq ritratt kompromettenti ta' xi ħadd ieħor u mbagħad ixerred l-immaġni falza fuq kanali tal-media soċjali. Dan jista' jkollu konsegwenzi serji, speċjalment għall-persuna li ġġarrab il-bullying. Biex juru kemm hu faċli li jiġu prodotti cheapfakes, l-għalliema tal-arti (filwaqt li jużaw kawtela) jistgħu jkopru dan fil-klassi. Għal aktar dettalji, ara n-nota ta' twissija "Apprendiment bl-Għemil".

Il-psewdoxjenza tikkonsisti f'dikjarazzjonijiet, fi twemmin, jew fi prattiki li jiġu ddikjarati li jkunu kemm xjentifiċi kif ukoll fattwali iżda li jkunu inkompatibbli mal-metodu xjentifiku. Peress li diżinformazzjoni bħal din hija komuni, l-għalliema tax-xjenza għandhom opportunità li jispjegaw lill-istudenti dak li jiddistingwi x-xjenza mill-psewdoxjenza.



Speċjalment l-għalliema tal-istorja u taċ-ċittadinanza jistgħu jindirizzaw kif bdew jeżistu t-teoriji ta' komplott jew il-qlajjiet ("hoaxes") u kif intużaw bħala arma politika fl-istorja. L-għalliema / l-edukaturi jistgħu jindikaw ukoll il-ħafna teoriji ta' komplott kontemporanji. Huwa importanti li jingħad lill-istudenti li l-komplotti jeżistu tassew, iżda li ħafna li huma mifruxa fuq il-media jkunu ffabrikati u spiss imexxu aġenda politika. Ara n-nota ta' twissija ta' hawn taħt.

Karatteristiċi tad-Diżinformazzjoni

Id-diżinformazzjoni tista' tidher f'ħafna kuntesti u fuq ħafna pjattaformi differenti. Partijiet minnha jkunu mmirati speċifikament lejn iż-żgħażagħ u mfassla biex jinfluwenzawhom. Xi karatteristiċi komuni tad-diżinformazzjoni huma li (għall-pjan ta' attività ta' akkumpanjament qasir, ara l-**Pjan ta' Attività Nru 6** hawn taħt):

1. Taqbel mal-emozzjonijiet tal-persuna fil-mira. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-persuna biex taħseb b'mod loġiku u kritiku.
2. Tattakka lill-avversarju – promozzjoni tal-mod ta' "Aħna kontra Huma" ta' kif inħarsu lejn ir-realtà.
3. Tissimplifika l-fatti u teskludi l-kuntest.
4. Ittenni idea kemm-il darba.
5. Tinjora l-isfumaturi tal-fatti billi tippreżenta biss naħa waħda ta' xi ħaġa.
6. Timmanipula immaġnijiet b'diversi modi, billi tirtokka u taqta' barra xi partijiet.
7. Tieħu stampi mill-kuntesti oriġinali tagħhom u tikkombinahom ma' stampi, ma' mużika/ħsejjes, u ma' testi oħra biex toħloq tifsiriet ġodda.
8. Tagħmel użu minn nies famużi u minn ċelebritajiet li l-grupp fil-mira jammira.
9. Dejjem qed tagħmel użu akbar minn cheapfakes u minn deepfakes.
10. Hija reżistenti għall-evidenza li tipprova tirribattiha.

Pjan ta' Attività Nru 6: - Kif tiġġudika l-informazzjoni

Aġħżel test wieħed jew aktar li jkun fih b'mod ċar diżinformazzjoni u li għalih ikun hemm kontroevidenza disponibbli faċilment. Tkun ta' għajnuna għat-tiftix tiegħek li tmur fuq siti tal-verifika tal-fatti. Itlob lill-istudenti jeżaminaw it-test(i) u staqsihom jekk jistgħux jidentifikaw il-karatteristiċi deskritti hawn fuq. L-ewwel itlobhom jagħmlu dan bħala individwi u mbagħad fi gruppi żgħar biex timmassimizza l-apprendiment.



Għaliex tinħoloq u tinxtered id-diżinformazzjoni?

Ladarba l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu d-definizzjoni ta' diżinformazzjoni, il-mistoqsijiet li spiss jirriżultaw huma *"Għaliex in-nies joħolqu diżinformazzjoni? X'motivazzjonijiet għandhom?"* Tista' tgħin tiddireġihom lejn tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet.

Huwa importanti li l-istudenti jkunu jafu li hemm diversi raġunijiet għaliex tinħoloq u tinxtered id-diżinformazzjoni. Idealment, l-istudenti jistgħu jirriċerkaw din il-kwistjoni huma stess (ara l-**Pjan ta' Attività Nru 7**) iżda bħala għalliem huwa kruċjali li tagħti feedback wara assenjament bħal dan u li tispjega li ċerti individwi jew gruppi joħolqu diżinformazzjoni biex jinfluwenzaw lill-oħrajn. Dan jista' jsir għal raġunijiet ideoloġiċi, biex jikkonvinċu lin-nies li ċerta opinjoni politika hija tajba, u biex jagħmlu profitt finanzjarju. Fir-rigward ta' xi każijiet anqas serji ta' diżinformazzjoni, tista' ssemmi li tista' tinħoloq għal divertiment (eż., ċerti forom ta' satira) u f'dawk il-każijiet il-qerq ikun maħsub sabiex jinkisbu s-segwaċi. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li l-istudenti jkunu jafu d-diversi motivazzjonijiet għaliex tinħoloq id-diżinformazzjoni, il-forom li tista' tieħu u l-ħsara potenzjali li tista' tikkawża.

Ikkunsidra....

- Li titkellem mal-istudenti (għall-ewwel b'mod astratt, imbagħad b'mod aktar personali jekk l-atmosfera tal-grupp tippermetti) dwar liema tipi ta' emozzjonijiet tqanqal l-informazzjoni online, bħar-rabja, id-diqa, il-kburija, l-ansjetà.
- Li tiddiskuti mal-istudenti dwar x'jista' jqanqalhom biex jaqsmu l-kontenut mingħajr ma jaħsbu. Staqsi jekk jistgħux jagħtu eżempji minn esperjenza personali. Fakkarhom li emozzjonijiet qawwija, bħall-ferħ jew ir-rabja, jagħmluha aktar diffiċli biex taħseb b'mod razzjonali u kritiku.
- Li tiddiskuti l-importanza tal-evalwazzjoni tas-sors. Regola ġenerali tajba għal sorsi kredibbli hija li jkunu trasparenti dwar minn fejn ġiet l-informazzjoni tagħhom.

Pjan ta' Attività Nru 7: Riċerka dwar għaliex tinħoloq id-diżinformazzjoni

Minflok ma tispjega lill-istudenti għaliex tinħoloq id-diżinformazzjoni, itlobhom jirriċerkaw fuq dan online. Dan jista' jsir bħala assenjament aktar ġenerali jew billi tassenja lil gruppi żgħar jirriċerkaw ir-raġunijiet għaliex in-nies (jew l-organizzazzjonijiet) jistgħu jkunu jridu jxerrdu d-diżinformazzjoni dwar pereżempju, il-COVID, it-tibdil fil-klima, ir-refuġjati u l-migranti, il-minoranzi reliġjużi, il-minoranzi sesswali, in-nisa, eċċ. Itlob lill-gruppi ż-żgħar jippreżentaw dak li jsibu lil xulxin. X'inhuma l-affarijiet komuni u d-differenzi?



Għal studenti iżgħar tista' tagħżel suġġetti eħfef u anqas kumplessi li huma aktar faċli biex jiddiskutuhom.

! Madankollu, qabel ma titlob lill-istudenti jagħmlu dan, ikun tajjeb li tipprepara billi l-ewwel tirriċerka inti stess dwar is-suġġett biex tkun tista' tmexxi aħjar il-konverżazzjoni fil-klassi.

Huwa utli li l-istudenti jkunu jafu li t-tixrid tad-diżinformazzjoni jista', f'xi każijiet, iwassal għal qligħ ekonomiku għal xi nies. Dan jinkludi l-"influwenzaturi" tal-media soċjali u l-"ħallieqa" li jistgħu jkunu qed isegwu, u li jaqilgħu l-flus billi jipprovdu kontenut online.

Aktar ma l-informazzjoni ppreżentata fuq l-internet u fuq il-media soċjali tkun spettakolari u kontroversjali, aktar ikun probabbli li n-nies jaqrawha u jxerrduha, li jfisser li dawk li joħolqu l-aħbarijiet jaqilgħu aktar dħul mir-reklamar. Dawk li jxerrdu informazzjoni falza u/jew qarrieqa jippruvaw jaraw li kemm jista' jkun nies ixerrduha. Siti tal-"aħbarijiet" foloz, maħluqa biex jikkupjaw sit tal-aħbarijiet ġenwin, huma għodda effettiva waħda għat-tixrid tad-diżinformazzjoni għall-qligħ finanzjarju.

Suġġeriment Nru 9: Kif tagħmel differenza

Idealment, ir-rikonoxximent tal-problema – li d-diżinformazzjoni hi mifruxa, tinfirex malajr, u tikkawża l-ħsara – għandu jwassal għal riflessjoni dwar kif nipprevjenu u nikkontestaw id-diżinformazzjoni. Din ir-riflessjoni u d-diskussjoni sussegwenti spiss iqanqlu dikjarazzjonijiet ġenerali ta' responsabbiltà fost l-istudenti, anki minħabba li mhux dejjem jaraw rwol għalihom infushom. Li tikkonvinċihom li "jistgħu jagħmlu differenza" jista' jwassal għal aktar attivitajiet konkreti fil-klassi u fl-iskola biex jiġu żviluppati strateġiji li għandhom l-għan li jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni (ara eżempji oħra f'din it-taqsima).



Ikkunsidra...

Li tistaqsi lill-istudenti, ladarba jkunu stabbilew li d-diżinformazzjoni toħloq diversi theddidiet, il-mistoqsijiet li ġejjin dwar ir-responsabbiltà:

a. X'inhuma r-rwol u r-responsabbiltà tal-media fit-tixrid tad-diżinformazzjoni? X'inhuma r-rwol u r-responsabbiltà tal-utenti tat-teknoloġija nfushom? Xi ngħidu dwar il-kumpaniji tal-media (soċjali)?

b. Huma konxji tad-diversi sforzi tas-soċjetà biex trażżan id-diżinformazzjoni? Jaqblu ma' dawn l-isforzi (eż., diversi punti ta' tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem bħaċ-ċensura – l-ewwel ikollhom bżonn ta' introduzzjoni dwar l-isforzi tas-soċjetà)?

c. X'inhuma r-rwol u r-responsabbiltà tal-media soċjali u ta' pjattaformi oħra fit-trażżin tad-diżinformazzjoni?

d. X'inhu r-rwol tal-gvern fit-trażżin tad-diżinformazzjoni? Eżamina mill-ġdid l-azzjonijiet li jieħdu l-gvernijiet lokali jew nazzjonali: jista' jsir aktar minn hekk? L-istudenti huma konxji tal-isforzi tal-gvern?

e. X'jistgħu jagħmlu/x'jagħmlu l-verifikaturi tal-fatti biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni?

f. X'inhuma r-rwol u r-responsabbiltà tal-utenti tat-teknoloġija bħall-istudenti nfushom u l-komunità? Jista' jkollhom rwol?

Id-diżinformazzjoni tista' tinxtered ukoll għal skopijiet ideoloġiċi. Pereżempju, l-organizzazzjonijiet estremisti jippruvaw jiġbdu lin-nies favur il-kawża tagħhom permezz tad-diżinformazzjoni u jippruvaw jirreklutaw membri ġodda. Forma oħra ta' tħassib tad-diżinformazzjoni għal skopijiet ideoloġiċi huwa d-diżinformazzjoni mill-gvernijiet. Diżinformazzjoni bħal din tista' tinħoloq biex tippromwovi l-interessi tal-Istat u tkun maħsuba biex tinfluwenza l-opinjoni pubblika (f'dak l-Istat jew f'ieħor). Diżinformazzjoni bħal din tista' tapprofondixxi d-diviżjonijiet fis-soċjetà, tiddemonizza ċerti minoranzi, u jkollha wkoll impatt f'pajjiżi oħra. Fil-forma aktar estremista tagħha, tista' sservi ta' skuża għal gwerra u għall-ġustifikazzjoni ta' gwerra.

Pjan ta' Attività Nru 8: Diskussjoni dwaril-libertà tal-media



Iddiskuti mal-istudenti dwar jekk media libera hijiex anqas probabbli li jkollha diżinformazzjoni milli l-media ċċensurata mill-gvern. Tista' tmur ukoll fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa u turi lill-istudenti tiegħek kif pajjiżek jikklassifika f'termini tal-libertà tal-media: https://rsf.org/en/index. Is-sit hu offrut f'sitt lingwi, hu pjuttost viżwali u ftit li xejn għandu test.

Nota ta' Twissija – Apprendiment bl-għemil

L-apprendiment bl-għemil hu metodu sperimentali eċċellenti għall-apprendiment profond, u xi għalliema/edukaturi jistgħu jkunu inklinati li jitolbu lill-istudenti joħolqu d-diżinformazzjoni tagħhom stess. Pereżempju, għalliem tal-arti jista' jitlob lill-istudenti joħolqu cheapfakes bl-użu ta' teknoloġiji diġitali biex juri kif jinħolqu. Dan jista' jwassal għal fehim aħjar ta' kif jinħolqu ċ-cheapfakes, iżda hemm riskji involuti. Hemm ir-riskju li l-istudenti jużaw dawn il-ħiliet ġodda b'modi mhux xierqa (pereżempju għall-bullying ċibernetiku ta' studenti oħra). Iċ-cheapfakes jippermettu lill-istudenti, pereżempju, jehmżu wiċċ persuna oħra ma' ritratt kompromettenti u jxerrduh bħala ritratt "veru". L-istess tħassib japplika għall-fatt li l-istudenti jimmanipulaw l-istampi biex juru kif dan jista' jsir.



Huwa essenzjali li jiffokaw fuq il-passi li l-istudenti jistgħu jieħdu biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni (orjentazzjoni lejn is-soluzzjoni).

X'inhi l-verifika tal-fatti?

Kif imsemmi fit-taqsima tad-definizzjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida, il-verifika tal-fatti hija l-proċess ta' verifika ta' jekk l-informazzjoni tkunx vera jew falza. Tista' ssir bi kwalunkwe tip ta' media (u pereżempju kemm għal test kif ukoll għal stampi viżwali). Biex jiġi ddeterminat jekk l-informazzjoni hijiex affidabbli, jistgħu jsiru l-mistoqsijiet li ġejjin: *Min hu l-awtur? X'inhi l-evidenza u x'jgħidu sorsi kredibbli oħra – u, barra minn hekk, x'inhuma sorsi kredibbli?* It-tfittxijiet bit-test u t-tfittxijiet b'lura tal-immaġnijiet spiss ikunu utli meta ssir verifika tal-fatti. Tfittxijiet bħal dawn jistgħu jgħinu biex jiġi ddeterminat jekk test ikunx akkurat jew jekk immaġni tkunx manipulata u/jew meħuda barra mill-kuntest. Il-verifika tal-fatti hija utli kemm qabel kif ukoll wara li tiġi ppubblikata l-informazzjoni.




Ikkunsidra...

- Li tintroduċi lill-istudenti għas-siti web ta' verifikaturi tal-fatti rilevanti lokali jew ta' dawk internazzjonali, jekk ikunu disponibbli bil-lingwa tiegħek.
- Li tistieden lill-kelliema fil-klassi/fl-iskola biex jitkellmu dwar id-diżinformazzjoni u l-verifika tal-fatti.
- Li turi lill-istudenti vidjows online (adattati għall-età) li jispjegaw id-diżinformazzjoni u l-verifika tal-fatti. Titlobhom iqabblu u jikkuntrastaw il-vidjows.
- Li ssib liema NGOs lokali, nazzjonali jew internazzjonali jistgħu joffru għajnuna fil-verifika tal-fatti u li tikkuntattjahom. Aktar u aktar NGOs saru speċjalizzati f'dan u ħafna jaħdmu mal-iskejjel.
- Li tipparteċipa mal-iskola jew mal-klassi tiegħek f'avvenimenti nazzjonali u internazzjonali, bħall-Jum Internazzjonali għall-Verifika tal-Fatti (normalment fil-bidu ta' April). Dan il-link jieħdok għall-informazzjoni bil-lingwa tiegħek.

Pjan ta' Attività Nru 9: Twettiq tal-verifika tal-fatti

Itlob lill-istudenti jagħmlu verifika tal-fatti tad-dikjarazzjonijiet fil-media minn dakinhar jew minn dik il-ġimgħa biex tagħmilha rilevanti. Ikollok bżonn tiggwidahom lejn xi sorsi li tkun identifikajt minn qabel. Meta jwettqu dan ix-xogħol, l-istudenti jistgħu jistaqsu lilhom infushom – kemm jekk jagħmluh individwalment kif ukoll jekk fi gruppi żgħar – il-mistoqsijiet li ġejjin:

- LIEMA sorsi nista'/nistgħu nafda/nafdaw?
- FEJN nista'/nistgħu nsib/nsibu dawn is-sorsi?
- X'emozzjonijiet tipprova tqanqal l-informazzjoni, jekk hemm?
- Din l-informazzjoni KIF tħalli impatt fuq is-sentimenti u fuq l-opinjonijiet tiegħi/tagħna (u allura tirnexxi fil-każ tiegħi/tagħna? u għaliex jew għaliex le?)?
- KIF nista' naqsam din l-informazzjoni ma' utenti oħrajn b'mod responsabbli?
- GĦALIEX inkiteb dan l-artiklu, x'kien l-iskop tiegħu?
- Għal LIEMA tip ta' qarrej inkiteb dan l-artiklu (il-grupp fil-mira)?
- KIF nista'/nistgħu nikkontroverifika/nikkontroverifikaw jekk din l-informazzjoni hix vera jew falza?
- Jekk hu artiklu tal-aħbarijiet, KIF jiġbed l-attenzjoni tan-nies (pereżempju kuluri jgħajtu, stampi li jqanqlu, titli kbar, punti esklamattivi)?



X'inhi l-konfutazzjoni?

Il-konfutazzjoni- sseħħ wara l-fatt, u għalhekk wara li tkun dehret informazzjoni falza. L-għan huwa li tiġi kkoreġuta informazzjoni falza u li jiġi evitat milli oħrajn jemmnu informazzjoni li tkun falza b'mod verifikabbli. Dawk li jaqraw jew jaraw l-informazzjoni "jifhmu x'hemm wara" dak li qed jiġi ppreżentat bħala fatt u/jew verità. L-istrateġiji ta' verifika tal-fatti jistgħu jintużaw għall-konfutazzjoni tal-miżinformazzjoni u tad-diżinformazzjoni.

X'inhi l-konfutazzjoni antiċipata?

Il-konfutazzjoni antiċipata hi proċess li fih in-nies jitwissew minn qabel li dalwaqt se jkunu fil-mira ta' informazzjoni falza. Tibni fuq ir-raġunament li "bniedem avżat, nofsu armat". Il-konfutazzjoni antiċipata tista' tiġi mgħallma lill-istudenti billi jiġu pprovduti b'xi informazzjoni fattwali u fil-fond dwar suġġett partikolari minn qabel, u mbagħad tiġi introdotta d-diżinformazzjoni eżistenti dwar l-istess suġġett. Jistgħu jiġu infurmati wkoll minn qabel dwar liema tipi ta' diżinformazzjoni jistgħu jistennew.

Ikkunsidra...

- Li tistaqsi lill-istudenti x'tipi ta' xnigħat u ta' għajdut huma midħla tagħhom (u huma lesti jaqsmu mingħajr ma jippuntaw swaba'). Staqsi għaliex il-konfutazzjoni tagħhom hi tant diffiċli.
- Li titkellem mal-kollegi dwar it-tipi ta' kampanji ta' diżinformazzjoni li jantiċipaw li se jsiru rigward kwistjonijiet soċjali ewlenin fil-perjodu li ġej. X'tipi ta' diżinformazzjoni jistennew? Fassal xi attivitajiet li jkopru bosta suġġetti u li jinvolvu l-konfutazzjoni.

Suġġeriment Nru 10: Ħidma mal-istudenti tiegħek dwar il-konfutazzjoni antiċipata u l-konfutazzjoni

Bħala għalliem/edukatur, il-ħidma permezz tal-konfutazzjoni u tal-konfutazzjoni antiċipata teħtieġ ħiliet tajbin ta' ġestjoni tal-klassi, peress li l-istudenti jistgħu jemmnu li tkun qed tinxtered xi informazzjoni falza. Sabiex jiġu evitati r-reżistenza u d-diżimpenn fost l-istudenti, kif imsemmi fit-taqsima *"Preżentazzjoni tal-Kuntest"*, jaf jaqbillek tibda bi kwistjonijiet relattivament mhux kontroversjali għall-istudenti. Inizjalment, dawn jistgħu jinkludu informazzjoni falza, xnigħat jew għajdut li nfirex ferm qabel ma twieldu (pereżempju paniku morali dwar is-sħaħar fil-Medju Evu) jew informazzjoni falza 'l bogħod mir-realtà tagħhom stess (f'xi pajjiżi l-mit li jekk tiekol granċ ikollok tarbija mqarba). Il-konfutazzjoni ta' din l-informazzjoni falza - bl-għarfien kollu tal-perspettiva ta' wara t-tiġrib u tax-xjenza – huwa relattivament faċli u mhux ta' theddida għall-istudenti. Attività utli hija li l-istudenti jikkonfutaw din l-informazzjoni bl-użu tal-evidenza u tax-xjenza.

Ladarba l-istudenti jifhmu l-essenza ta' kif issir konfutazzjoni, jistgħu jintalbu wkoll jikkonfutaw l-istess informazzjoni jekk din terġa' tidher. Tista' tistaqsihom ukoll jekk it-tip ta' approċċ li waslu għalih għall-konfutazzjoni u għalll-konfutazzjoni antiċipata jkunx simili jew differenti.



Il-valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-informazzjoni, u kif għandhom jidentifikaw u jużaw sorsi leġittimi

Xi tfisser u għaliex hija importanti?

Il-verifika tal-fatti, il-konfutazzjoni, u l-konfutazzjoni antiċipata lkoll huma marbutin mal-ħila (tal-istudenti) li jiġġudikaw l-akkuratezza tal-informazzjoni, li jużaw sorsi leġittimi, u li jaħsbu fuq l-informazzjoni b'mod kritiku. L-istudenti jiġu ppreżentati b'miljuni ta' tweġibiet għal kull mistoqsija immaġinabbli, u jaf tħossha ta' sfida għalik biex tgħinhom jagħmlu distinzjoni bejn fatti, opinjonijiet, u diżinformazzjoni (u miżinformazzjoni). Li taħdem mal-istudenti dwar kif jinnavigaw id-dinja diġitali hu ċertament impenjattiv iżda wkoll opportunità biex tenfasizza l-benefiċċji li wieħed ikun jista' jsib informazzjoni online akkurata u li tkun ta' benefiċċju edukattiv. Li tagħti lill-istudenti l-għodod biex jidentifikaw informazzjoni kredibbli jfisser li tkun qed tagħtihom iċ-ċavetta għal dinja siewja ta' informazzjoni. Ifisser ukoll li jeħtieġu fehim bażiku ta' kif tinħoloq u tinxtered id-diżinformazzjoni.

Fehim tad-diversi dimensjonijiet tad-diżinformazzjoni

Aspetti tekniċi tad-diżinformazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-istudenti jafu kif jużaw l-apparat diġitali iżda mhux kif jużawh b'mod responsabbli jew kif it-teknoloġija moderna tagħmilha faċli li tinxtered id-diżinformazzjoni. Pereżempju, l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) , filwaqt li hija għodda b'saħħitha biex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, tista' tintuża wkoll biex toħloq deepfakes. In-networks ta' bots jistgħu jxerrdu informazzjoni mhux akkurata online. Il-fehim tal-aspetti tekniċi tad-diżinformazzjoni jagħti informazzjoni intuwittiva dwar kif fil-verità taħdem id-diżinformazzjoni.

Pjan ta' Attività Nru 10: Diskussjoni dwar l-aspetti teknoloġiċi tad-diżinformazzjoni mal-istudenti

Tista' tibda billi sempliċiment tistaqsi fil-klassi jekk l-istudenti jaħsbux li t-teknoloġija assoċjata mal-apparati diġitali tistax effettivament ixxerred id-diżinformazzjoni u għaliex jaħsbu li dan huwa l-każ. Dan jista' joħloq xenarju bażi fuq xiex tkun tista' taħdem. Jista' jgħinek ukoll biex telimina miti u fehmiet żbaljati. Dan it-tip ta' attività jista' jsir sa mill-iskola primarja.



Ikkunsidra...

- Li tistaqsi lill-istudenti jekk jafux kif jaħdmu l-algoritmi, il-clickbait, u l-bots (f'termini ta' teknoloġija).
- Li titlob lill-istudenti jwettqu riċerka (minflok ma jipprovdu tweġibiet għal dan ta' hawn fuq). Itlobhom, pereżempju, jidħlu online u jidentifikaw vidjow qasir wieħed jew tnejn li jaħsbu li jagħtu spjegazzjoni tajba ta' dan. Aġħżel wieħed jew tnejn biex turihom lill-klassi.
- Li tħares lejn il-logħob edukattiv online li qed isir dejjem aktar komuni u li jagħti lill-istudenti u lil oħrajn għarfien dwar kif taħdem id-diżinformazzjoni.

Aspetti etiċi tad-diżinformazzjoni

Minbarra l-aspetti teknoloġiċi tad-diżinformazzjoni, diskussjoni dwar l-aspetti etiċi tad-diżinformazzjoni mal-istudenti tista' tipprovdi stampa aktar sħiħa mhux biss ta' kif taħdem id-diżinformazzjoni iżda wkoll kif id-diżinformazzjoni tista' tkun ta' ħsara, x'tipi ta' ħsara tista' toħloq għall-individwi u għas-soċjetà u r-responsabbiltajiet tagħhom stess fil-qasam diġitali, speċjalment ir-responsabbiltà tagħhom li ma jxerrdux diżinformazzjoni u li jwissu lil oħrajn dwarha.

Suġġeriment Nru 11: Rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem

Diskussjoni dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bħal-libertà tal-istampa, il-libertà tal-kelma u l-libertà tal-informazzjoni, kif ukoll kif u għaliex il-pjattaformi tal-media soċjali jiġbru u jippreżentaw il-kontenut, tista' tagħti lill-istudenti aktar informazzjoni intuwittiva dwar id-diżinformazzjoni u l-isfidi assoċjati mat-tixrid tagħha.

Tista' tuża varjetà ta' metodoloġiji ta' diskussjoni, ta' djalogu u ta' riflessjoni biex l-istudenti jkunu jistgħu jinvolvu rwieħhom b'mod attiv mas-suġġett. Pereżempju, l-istudenti jistgħu jiddiskutu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-projbizzjoni ta' ċerti persuni mill-media soċjali jew tal-imblukkar ta' ċertu kontenut. X'inhi l-pożizzjoni tagħhom dwar dan? X'argumenti jużaw? Tista' tagħti feedback dwar il-legalità ta' ċerti miżuri biex titwaqqaf id-diżinformazzjoni. Dan ifisser li trid taġġorna ruħek fuq xi tgħid il-liġi.



Ikkunsidra...


- Li tħares lejn inizjattivi ta' politika riċenti tal-UE biex jiġi ristrett it-tixrid tad-diżinformazzjoni (eż. il-Kodiċi ta' Prattika tal-2022 tal-UE dwar id-Diżinformazzjoni[7], l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[8] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali[9])
- Li titlob lill-istudenti jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-inizjattiva ta' hawn fuq (speċjalment għall-istudenti tas-sekondarja), jew permezz ta' xogħol fi grupp żgħir jew mal-klassi kollha kemm hi.
- Li titlob lill-istudenti l-ewwel iħarsu lejn ir-reklami u jistaqsu x'qed ifittex li jikseb min qed jirreklama, u għaliex? Dan differenti mid-diżinformazzjoni? Kif?
- Li titlob lill-istudenti fejn jaqtgħu l-linja f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà tal-kelma? Għandu jkun permess kull tip ta' diskors liberu, anke jekk ikun falz b'mod verifikabbli u jikkawża l-ħsara?
- Li tfassal kampanja mal-istudenti biex twissu lil membri oħra tal-komunità tal-iskola kontra l-aktar espressjonijiet prevalenti ta' diżinformazzjoni f'dak iż-żmien.

Ekonomija tad-diżinformazzjoni

Kif imsemmi fil-bidu tat-taqsima, it-tixrid tad-diżinformazzjoni jista' jwassal għal qligħ ekonomiku. Tista' tibda billi tistaqsi lill-istudenti liema kumpaniji jaf ikunu jridu jimmiraw il-grupp ta' età tagħhom b'dik l-informazzjoni?

Pjan ta' Attività Nru 11: Diskussjoni dwar l-ekonomija tad-diżinformazzjoni

Tista' tibda b'eżerċizzju riflessiv li fih tistaqsi lill-istudenti dwar il-passatempi, l-interessi u l-opinjonijiet tagħhom stess. Skont dak li jogħġobhom u jdejjaqhom, staqsihom min jista' jkun interessat li jurihom reklami. X'jittamaw li jiksbu dawn il-kumpaniji jew l-organizzazzjonijiet? Kif jagħmlu dan? L-algoritmi tal-media soċjali kif jgħinuhom jiksbu dan? Xogħol bħal dan jista' jsir, pereżempju, bħala sessjoni ta' brainstorming jew l-ewwel fi gruppi żgħar.



Ikkunsidra...

- Li tistaqsi lill-istudenti jekk jużawx il-kummerċ elettroniku. Raw xi tip ta' qerq meta użawh? X'tipi ta' qerq? Għaliex il-kumpaniji jużaw il-qerq?
- Li titlob lill-istudenti dwar liema kumpaniji jaf ikunu jridu jimmiraw il-koorti tagħhom permezz tal-kummerċjalizzazzjoni? Jekk ikunu disposti, jistgħu anki jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom stess.
- Li tistaqsi lill-istudenti jekk ikunux jafu x'inhu phishing. Spjegalhom jekk ma jkunux jafu. X'inhi l-ħsara li jikkawża l-phishing?
- Li tistaqsi lill-istudenti jekk ikunux jafu kif jaqilgħu l-flus il-pjattaformi tal-media soċjali. Spjegalhom jekk ma jkunux jafu. Li tistaqsi lill-istudenti jekk ikunu jafu x'inhu algoritmu. Spjegalhom jekk ma jkunux jafu. Jistgħu jaħsbu dwar l-implikazzjonijiet tal-użu ta' algoritmi biex tiġi ppersonalizzata esperjenza online, inkluż b'reklamar personalizzat, għall-individwi u għas-soċjetà? Xi ngħidu għalihom u għall-istudenti sħabhom?



[7] https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/code-practice-disinformation

[8] https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/digital-services-act-package#:~:text=The%20Digital%20Services%20Act%20and,level%20playing%20field%20for%20businesses

[9] https://competition-policy.ec.europa.eu/sectors/ict/dma_en

Xi dimensjonijiet konjittivi u emozzjonali tad-diżinformazzjoni

Parti mir-raġuni għaliex tista' tkun diffiċli li tikkonvinċi lin-nies li ċerta informazzjoni tkun falza hija relatata ma' mekkaniżmi konjittivi u emozzjonali komuni, iżda ferm umani, li jistgħu jagħmluna reżistenti għal informazzjoni korrettiva. Il-preżentazzjoni ta' fatti u ta' veritajiet spiss tonqos milli tikkonvinċi lin-nies li l-fehmiet tagħhom ikunu żbaljati. Ħafna minna ma naħsbux li aħna partikolarment suxxettibbli għad-diżinformazzjoni. Għalhekk huwa kritiku li ż-żgħażagħ jiżviluppaw mentalità miftuħa, jaċċettaw li r-realtà għandha ħafna saffi u li ma hemm l-ebda tweġiba faċli għal kwistjonijiet kumplessi.

Kaxxa Nru 5: Mekkaniżmi konjittivi u emozzjonali ewlenin li jistgħu jipprevjenu lin-nies (liż-żgħażagħ) milli jaċċettaw evidenza li tmur kontra l-opinjonijiet tagħhom

Ħtieġa ta' appartenenza u ta' identità soċjali: aħna lkoll individwi bit-twemmin u bil-valuri individwali tagħna, iżda aħna wkoll bnedmin soċjali bi ħtieġa qawwija li nappartjenu għal gruppi soċjali. Niksbu ħafna benefiċċji minn din l-appartenenza għal gruppi soċjali u normalment inkunu lesti nagħmlu sagrifiċċji (inkluż li ninjoraw evidenza li tmur kontra l-fehmiet tagħna) biex inżommu l-identità tal-grupp tagħna.

Preġudizzji ta' konferma u ta' nuqqas ta' konferma: preġudizzju ta' konferma: il-bnedmin ta' kull età għandhom ix-xewqa psikoloġika inkonxja li jfittxu konferma tat-twemmin eżistenti tagħhom aktar milli informazzjoni li tista' tikkontradixxi jew tikkumplika t-twemmin tagħhom. Preġudizzju ta' nuqqas ta' konferma: it-tendenza tal-bniedem li jinjora jew li jirrifjuta informazzjoni u dikjarazzjonijiet li jisfidaw it-twemmin tiegħu, anki meta jkunu evidentement veri.

Fenomenu tal-kunsens falz: in-nies (iż-żgħażagħ) għandhom it-tendenza li jistmaw iżżejjed kemm oħrajn jaqsmu t-twemmin (żbaljat) tagħhom.

Fenomenu tal-merħla: idea jew twemmin li jiġi segwit minħabba li kulħadd donnu jagħmel hekk.

Realiżmu inġenwu: it-tendenza tal-bniedem li jemmen li aħna razzjonali, oġġettivi u imparzjali meta ninterpretaw dak li naraw madwarna, u li l-oħrajn huma irrazzjonali, preġudikati jew inkella infurmati ħażin.




Fenomenu tal-Influwenza Kontinwa: il-fenomenu li (diż)informazzjoni skreditata tkompli taffettwa l-imġiba u t-twemmin tagħna. In-nies ikomplu jibbażaw fuq l-informazzjoni falza meta jinterpretaw l-informazzjoni, meta jirraġunaw u meta jagħmlu ġudizzji. Dan instab li hu partikolarment minnu meta jiġu indirizzati t-teoriji ta' komplott (Ara l-Kaxxa dwar it-teoriji ta' komplott).

Pjan ta' Attività Nru 12: Diskussjoni dwar it-Teoriji ta' Komplott

L-ewwel itlob lill-istudenti jagħmlu riċerka online dwar x'inhuma t-teoriji ta' komplott u ggwidahom (jeħtieġ xogħol ta' tħejjija mill-għalliem) għal teoriji ta' komplott antiki li ma tantx huma wisq kontroversjali fid-dinja tal-lum. Min ixerred dawn it-teoriji? Kif inxterdu? Għaliex xterrdu – għal liema għanijiet? X'kienu l-konsegwenzi? Xi rwol kellhom ix-xnigħat, l-għajdut, u l-preġudizzju? Dan il-proċess ta' awtoskoperta jista' jwassal għal informazzjoni intuwittiva aktar profonda.

Itlob lill-istudenti jidentifikaw x'għandhom komuni dawn it-teoriji ta' komplott kollha. X'tipi ta' emozzjonijiet jappellaw għalihom?

Wara, staqsi lill-istudenti dwar kif dawn it-teoriji ta' komplott ivarjaw mill-bidu l-kbira tat-tipi l-oħrajn ta' diżinformazzjoni.



Itlob lill-istudenti jagħmlu distinzjoni bejn il-komplotti veri (li fil-fatt jeżistu) u dawk li ma għandhom l-ebda bażi fir-realtà.

Nota ta' Twissija: Diskussjoni dwar it-teoriji ta' komplott

It-teoriji ta' komplott huma tip speċjali ta' diżinformazzjoni u jistgħu jkunu partikolarment reżistenti għall-isfidi bl-użu ta' fatti u ta' evidenza. Minħabba n-natura tagħhom, diffiċli li tingħata prova li mhumiex veri. Huma wkoll suxxettibbli b'mod speċjali għal dak li aħna rreferejna għalih bħala l-fenomenu tal-influwenza kontinwa. Għalhekk, l-indirizzar tat-teoriji ta' komplott mal-istudenti spiss jista' jkun jirrikjedi attenzjoni aktar bir-reqqa.

L-aspetti ewlenin tat-teoriji ta' komplott għandhom it-tendenza li dawn:

- Jippruvaw jimmanipulaw l-opinjonijiet u t-twemmin.
- Mhumiex sempliċiment biċċiet maqtugħin għalihom ta' informazzjoni falza iżda jinsġu ma' perspettiva soċjetali usa' ta' dak li hu tajjeb u ħażin fid-dinja.
- Jidentifikaw il-vittmi (spiss il-grupp soċjali proprju) u l-awturi (oħrajn).
- Spiss ifittxu li jsaħħu s-sens ta' appartenenza fi grupp (Aħna kontra Huma) u jimplikaw sejħa għal azzjoni.
- Jixħtu t-tort għal avvenimenti negattivi fuq "realtajiet" eluživi, moħbija u sigrieti, u fuq organizzazzjonijiet.
- Jassumu li gruppi b'saħħithom ta' nies qed iżommu affarijiet moħbija minna u qed jippruvaw jikkawżaw il-ħsara.
- Spiss iħalltu l-fatti ma' gideb biex ikunu aktar effettivi.
- Jappellaw għall-emozzjonijiet u huma reżistenti għal kwalunkwe tip ta' evidenza.
- Jistgħu jwasslu għal profitt ekonomiku jew politiku għal dawk li jxerrdu teoriji ta' komplott foloz.





8. Valutazzjoni u evalwazzjoni tal-litteriżmu diġitali fl-iskola u fil-klassi: gwida konkreta għall-għalliema u għall-edukaturi

Il-valutazzjoni tal-progress tal-istudenti fl-edukazzjoni hija parti bażika u neċessarja tar-realtà tal-iskola fl-Ewropa u wieħed mill-kompiti importanti li inti għandek bħala għalliem/edukatur. Dan japplika wkoll għall-valutazzjoni tal-livelli ta' litteriżmu diġitali tal-istudenti.

Peress li l-litteriżmu diġitali huwa qasam relattivament ġdid tal-edukazzjoni, dan jista' jkun kompitu impenjattiv. Il-kompetenzi assoċjati mal-litteriżmu diġitali huma magħmula mill-għarfien, mill-attitudnijiet u mill-ħiliet. Għalhekk, kwalunkwe valutazzjoni komprensiva tal-istudenti għandha tkun multidimensjonali u tipprova tkejjel it-tlieta li huma. Il-ħakma u l-progress relatati mal-litteriżmu diġitali huma l-aktar konnessi kemm mal-prodott (finali) kif ukoll mal-proċess. Barra minn hekk, jagħmel differenza fil-mod kif jiġu vvalutati l-ħakma u l-progress jekk il-litteriżmu diġitali jiġi mgħallem f'diversi suġġetti (trażversali) meta mqabbel ma' suġġett separat.

X'nistgħu u x'għandna nivvalutaw?

Element ewlieni tal-litteriżmu diġitali huwa l-ħsieb kritiku, peress li dan huwa dak li jippermetti lill-istudenti jsiru reżiljenti f'ambjent diġitali, fejn aħbarijiet distorti u foloz jiċċirkolaw flimkien ma' informazzjoni affidabbli. Mistoqsija importanti li għandu jistaqsi kwalunkwe għalliem hija jekk l-istudenti għandhomx l-għarfien, il-ħiliet, u l-attitudnijiet biex jinnavigaw b'mod effettiv id-dinjiet diġitali tagħhom.

Iż-żgħażagħ jistgħu jiġu vvalutati f'termini tal-litteriżmu diġitali tagħhom tul dimensjonijiet bħal: (1) il-ħila tagħhom li jisseparaw il-fatti mill-opinjonijiet, (2) il-ħila tagħhom li jidentifikaw strateġiji manipulattivi, (3) il-ħila tagħhom li jivverifikaw l-informazzjoni online, (4) il-ħila tagħhom li jsibu, jużaw u joħolqu informazzjoni b'modi kritiċi, kostruttivi u kreattivi, u (5) il-ħila tagħhom li jużaw l-apparati diġitali b'mod effettiv.

Suġġeriment Nru 12: Komunikazzjoni mal-kollegi

Ikseb għarfien dwar kif il-kollegi tiegħek qed jivvalutaw, jekk xejn, il-litteriżmu diġitali u t-tipi ta' strumenti li qed jużaw. Xi strumenti x'aktarx huma aktar affidabbli u akkurati minn oħrajn.



Tipi ta' prattiki ta' valutazzjoni

Hemm ħafna modi kif jiġu vvalutati l-istudenti meta jiġi promoss il-litteriżmu diġitali fl-edukazzjoni. Modi komuni għall-valutazzjoni tal-ħakma u tal-progress huma testijiet tal-għarfien u tal-ħiliet, l-evalwazzjonijiet li tagħmel u l-awtoevalwazzjonijiet tal-istudenti, kif ukoll ir-riflessjoni dwar l-eżiti tat-testijiet jew tal-esperjenzi tal-apprendiment. Jaf ikun jaqbillek tuża taħlita ta' testijiet u tipi oħra ta' evalwazzjonijiet biex tikseb stampa vera ta' kif sejrin l-istudenti. Diġà hemm ħafna riżorsi eżistenti u strumenti ta' valutazzjoni affidabbli biex tivvaluta l-kompetenza diġitali tal-istudenti. Xi wħud minnhom huma ppreżentati fil-**Kaxxi 6-8**. Għodod bħal dawn jivvalutaw, pereżempju, l-għarfien u l-ħiliet tal-adulti u tal-istudenti biex janalizzaw, iqabblu u jevalwaw b'mod kritiku l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tal-informazzjoni online.

Suġġeriment Nru 13: Valutazzjoni tal-kompetenzi tal-istudenti



Meta tivvaluta l-kompetenzi tal-istudenti relatati mal-litteriżmu diġitali, uża taħlita ta' mistoqsijiet magħluqa, ta' mistoqsijiet miftuħa, u ta' komponimenti qosra.

Il-valutazzjoni tal-**għarfien** tal-istudenti tista' tinkludi mistoqsijiet ta' ttestjar li jitolbu lill-istudenti jelenkaw sorsi online kredibbli fuq suġġetti differenti, jiddeskrivu d-differenza bejn artikli ta' opinjoni u aħbarijiet propji, jiddistingwu bejn professjonisti fil-qasam tal-media u tal-ġurnaliżmu taċ-ċittadini, u jiddeskrivu kif l-algoritmi jistgħu jinfluwenzaw it-tfittxijiet.

Il-**ħiliet** tal-litteriżmu diġitali tal-istudenti jistgħu jiġu ttestjati f'valutazzjonijiet li jitolbuhom jidentifikaw informazzjoni maħsuba biex tqarraq u timmanipula kontra informazzjoni newtrali jew bilanċjata, jew jidentifikaw x'jikkostitwixxi evidenza għal affermazzjoni, għal analiżi, jew għal ġudizzju partikolari. Dan jista' jinkludi mistoqsijiet ta' valutazzjoni li jitolbu lill-istudenti jikklassifikaw kemm jipperċepixxu li jkunu affidabbli artikli, titli jew posts differenti fuq il-media soċjali (ara l-eżempju fil-**Kaxxa Nru 6**), imbagħad il-"punteġġi" tagħhom ikunu jistgħu jintużaw biex jiġi diskuss kif jistgħu jtejbu l-ħiliet tagħhom.

Kaxxa Nru 6: Eżempju ta' valutazzjoni li teżamina l-ħila tal-istudenti biex jidentifikaw titli manipulattivi

1. Veru jew falz? Immarka hux Veru jew Falz wara t-titli ta' hawn taħt.
   a. Il-Gvern qed Jimmanipula l-Perċezzjoni tal-Pubbliku dwar l-Inġinerija Ġenetika Biex Iġiegħel lin-Nies Ikunu Aktar Miftuħa għal Tekniki Bħal Dawn (Veru jew Falz)
   b. L-Attitudnijiet lejn l-UE huma fil-Bidi'a l-Kbira Pożittivi, kemm fl-Ewropa kif ukoll Barra Minnha (Veru jew Falz)
   c. Ċerti Vaċċini huma Mimlija b'Sustanzi Kimiċi u b'Tossini Perikoluż (Veru jew Falz)
2. Jekk jogħġbok iġġustifika t-tweġibiet tiegħek fil-mistoqsija 1 – għaliex tqis li t-titli huma veri jew foloz? Kif tista' ssir taf jekk it-titli humiex korretti jew qarrieqa?

   Nota: It-titli 1a u 1ċ huma titli foloz u 1b hu titlu ta' aħbar vera. L-eżempji 1a u 1ċ huma eżempji ta' teoriji ta' komplott. 1ċ huwa emozzjonalment manipulattiv. Li tistaqsi lil espert jew li tivverifika l-fatti tal-informazzjoni f'sorsi kredibbli oħra huma modi tajbin biex issir taf x'inhu korrett.



Il-**ħiliet** ta' verifika tal-fatti tal-istudenti jistgħu jiġu vvalutati permezz ta' kompiti li jitolbuhom jagħmlu qari laterali,[10] il-ħila tagħhom li jwettqu tfittxijiet b'lura tal-immaġnijiet u tfittxijiet fit-test b'magni tat-tiftix multipli u l-ħila tagħhom li ssir konfutazzjoni tad-diżinformazzjoni (eż., il-livell ta' kumplessità). Il-ħiliet tagħhom biex jidentifikaw immaġnijiet manipulati u deep fakes jistgħu jiġu vvalutati billi jiġi eżaminat kemm għandhom ħila jużaw riżorsi diġitali għall-konfutazzjoni ta' informazzjoni qarrieqa.

Tista' wkoll tivvaluta l-ħiliet tal-istudenti fis-soluzzjoni tal-problemi b'diversi modi. Tista' tagħtihom "xenarji ta' diżinformazzjoni" u titlobhom isibu soluzzjonijiet. Dan jista' jinkludi li tistaqsihom kieku kif jivverifikaw il-fatti, jagħmlu l-prebunking jew il-konfutazzjoni tad-diżinformazzjoni u tivvaluta dan ix-xogħol (kemm jekk f'forma ta' komponiment, ta' strateġija, jew anki xi ħaġa aktar kreattiva).

Kaxxa Nru 7: Eżempju ta' mistoqsijiet ta' valutazzjoni li jeżaminaw il-ħiliet tal-istudenti biex iwettqu tfittxijiet online bl-użu tal-qari laterali[11]

Jekk jogħġbok ħu madwar 8 minuti biex tlesti dan il-kompitu.

Qed tirriċerka t-tisħin globali u tiltaqa' ma' dan is-sit web: https://friendsofscience.org. Jekk jogħġbok iddeċiedi jekk dan is-sit web huwiex sors affidabbli ta' informazzjoni dwar it-tisħin globali. Tista' wkoll tiftaħ tab ġdida u tagħmel tfittxija fuq l-internet, jekk dawn jistgħu jgħinuk.

1. Dan is-sit web huwa sors affidabbli għall-apprendiment dwar it-tisħin globali?
   - Iva
   - Le
2. Spjega t-tweġiba tiegħek, billi tikkwota evidenza mill-paġni web li użajt. Ara li tipprovdi l-URLs għall-paġni web li tikkwota.

[spazju miftuħ għat-tweġiba]



[10] Il-qari laterali huwa bażikament l-att ta' verifika ta' dak li tkun qed taqra waqt li tkun qed taqrah.

[11] Sors: Wineburg, S., Breakstone, J., McGrew, S., Smith, M. D., u Ortega, T. (2022). Lateral reading on the open Internet: A district-wide field study in high school government classes. Journal of Educational Psychology. Advance online publication. https://doi.org/10.1037/edu0000740

Il-**ħiliet** tal-litteriżmu diġitali tal-istudenti jistgħu jiġu vvalutati wkoll permezz ta':

- eżaminazzjoni tal-ħiliet tagħhom li jisseparaw ir-reklami mill-aħbarijiet jew il-kapaċità tagħhom li jidentifikaw sorsi kredibbli meta jirriċerkaw kwistjoni soċjali partikolari. Anke jekk l-istudenti jużaw għodod diġitali kuljum, jaf ma jkollhomx il-ħiliet biex jivverifikaw il-fatti. Għalhekk, parti minn valutazzjoni tista' tkun li tiġi ttestjata l-ħila tal-istudenti li jużaw apparat diġitali meta, pereżempju, jirriċerkaw fehmiet alternattivi, jikkonfutaw gideb, u jagħmlu tfittxijiet online għall-informazzjoni (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 7** aktar 'il fuq).
- l-użu ta' portafolli. L-għarfien tal-istudenti dwar kif jinħolqu l-hekk imsejħa aħbarijiet foloz jista' jiġi vvalutat billi l-istudenti jintalbu joħolqu tweet falza jew artiklu ta' aħbar falza huma stess, u wara jiddiskutu kif kieku huma jimmanipulaw lill-qarrejja (dan jeħtieġ li jkun iggwidat bir-reqqa għar-raġunijiet imsemmijin aktar kmieni).

Jistgħu jiġu vvalutati wkoll l-**attitudnijiet** tal-istudenti rigward l-informazzjoni online. Huwa importanti li l-istudenti ma jkunux "inġenwi" meta jużaw l-informazzjoni online. Ħafna nies iħossuhom "immuni" għad-dizinformazzjoni u s-sorsi ta' fiduċja li huma familjari magħhom. Għalhekk, huwa importanti li jiġi vvalutat sa liema punt iqisu l-informazzjoni online bħala kredibbli. Jeħtieġ ukoll li jirrikonoxxu l-importanza tal-aċċess għal informazzjoni affidabbli. Kwistjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu vvalutati billi l-istudenti jintalbu jikklassifikaw kemm jikkunsidraw bħala affidabbli l-informazzjoni online, fuq skala minn "kollha" sa "l-ebda", kif ukoll billi jiġu mistoqsija jikklassifikaw kemm huwa importanti għalihom li jkollhom aċċess għal aħbarijiet affidabbli (ara l-**Kaxxa Nru 8** hawn taħt). **Attitudnijiet** produttivi marbuta mal-litteriżmu diġitali huma attitudnijiet li jqajmu dubji dwar il-veraċità tal-informazzjoni online u **attitudnijiet** pożittivi rigward l-aċċess għal aħbarijiet affidabbli.

Kaxxa Nru 8: Eżempji ta' valutazzjonijiet li jeżaminaw l-attitudnijiet tal-istudenti rigward l-informazzjoni.[12]

1. Kemm mill-informazzjoni li hemm fuq l-internet tqis li hi affidabbli??

Kollha ---------- L-ebda

2. Kemm hu importanti għalik li tikkonsma aħbarijiet affidabbli?

Xejn ma huwa importanti ---------- Importanti ħafna

3. Naħseb li hemm ħafna modi ħżiena, iżda mod wieħed tajjeb biss, għal kważi kollox.

Naqbel ħafna ---------- Ma naqbel xejn

4. Wieħed ma għandux jagħti kas tal-evidenza li tmur kontra t-twemmin stabbilit tiegħu.

Naqbel ħafna ---------- Ma naqbel xejn


5. Nemmen li l-ideat differenti ta' tajjeb u ta' ħażin li għandhom nies f'soċjetajiet oħra jistgħu jkunu validi għalihom.

Naqbel ħafna ---------- Ma naqbel xejn

6. In-nies dejjem għandhom iqisu evidenza li tmur kontra t-twemmin tagħhom.

Naqbel ħafna ---------- Ma naqbel xejn

Nota: Il-Mistoqsija Nru 1 tkejjel jekk l-istudenti jkunu inġenwi jew xettiċi dwar l-informazzjoni online, il-Mistoqsija Nru 2 tkejjel l-attitudnijiet tal-istudenti rigward l-aħbarijiet affidabbli, il-Mistoqsija Nru 3 tkejjel id-dommatiżmu, il-Mistoqsija Nru 4 tkejjel ir-reżistenza għall-fatti, il-Mistoqsija Nru 5 tkejjel il-ħsieb flessibbli u l-Mistoqsija Nru 6 tkejjel kemm wieħed iżomm moħħu miftuħ.



[12] Eżempji minn Nygren, T., u Guath, M. (2022). Students Evaluating and Corroborating Digital News. Scandinavian Journal of Educational Research, 66(4), 549-565. doi:10.1080/0031383 1.2021.1897876; Roozenbeek, J., Maertens, R., Herzog, S. M., Geers, M., Kurvers, R. H., Sultan, M., u van der Linden, S. (2021). Susceptibility to misinformation is consistent across question framings and response modes and better explained by open-mindedness and partisanship than analytical thinking. Judgment and Decision Making. Fl-istamperija.

Huwa importanti wkoll li tiġi vvalutata l-**attitudni** ta' moħħ miftuħ attiv tal-istudenti peress li attitudni pożittiva rigward l-aċċettazzjoni ta' evidenza ġdida u ta' perspettivi multipli tmur id f'id mal-kapaċitajiet tan-nies li jinnavigaw id-dižinformazzjoni. Dan jista' jiġi vvalutat billi jiġi osservat, permezz ta' diversi attivitajiet, sa liema punt l-istudenti jkunu lesti li jbiddlu l-pożizzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet meta jitgħallmu li evidenza soda tmur kontra l-opinjonijiet tagħhom stess. Huwa importanti wkoll li jiġu vvalutati l-**attitudnijiet** tal-istudenti online u l-etikett tal-media soċjali tagħhom. Dan jinvolvi li jiġu analizzati l-istili ta' komunikazzjoni tal-istudenti meta pereżempju jikkollaboraw ma' oħrajn online jew jiddibattu magħhom. Valutazzjoni bħal din tista' tinkludi l-osservazzjoni ta' jekk huma jattakkawx personalment, jinsultawx, jonqsux mir-rispett u/jew jurux insensittività għad-diffikultajiet ta' oħrajn.

Suġġeriment Nru 14: Riflessjoni dwar in-natura tal-valutazzjoni



Il-valutazzjoni tmur lil hinn mill-għarfien tal-istudenti dwar il-fatti jew dwar dak li huwa veru u mhux veru, dak li huwa preġudikat jew mhuwiex. Tikkonċerna wkoll il-kejl ta' kemm l-istudenti għandhom mentalità kritika, iżommu moħħ miftuħ, ikunu miftuħa għall-kontroevidenza u jisimgħu b'mod attiv. Attitudnijiet bħal dawn huma kritiċi biex isiru ċittadini responsabbli u attivi.

Ikkunsidra...

- Li tivvaluta l-għarfien, l-attitudnijiet u l-ħiliet tal-istudenti kemm qabel kif ukoll wara li jsir it-tagħlim.
- Li tikkombina diversi strumenti ta' kejl, speċjalment dawk li nstabu li huma affidabbli.
- Li tuża strumenti ta' valutazzjoni li jkejlu l-għarfien, l-attitudnijiet u l-ħiliet.
- Li żżomm ruħek aġġornat(a) dwar strumenti ġodda u ta' valutazzjoni aħjar li jistgħu jagħtu stampa aħjar tal-ħakma u tal-progress tal-istudenti, speċjalment peress li l-qasam tal-litteriżmu diġitali qed jevolvi malajr.
- Li tagħti feedback lill-istudenti dwar fejn ikun meħtieġ titjib, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-kompetenzi tagħhom
- Li tuża mistoqsijiet u assenjamenti b'konklużjonijiet aktar miftuħa, li jwasslu lill-istudenti biex ifittxu online, qabel u wara l-lezzjonijiet.
- Li tagħmel sforz biex tivvaluta sa liema punt l-istudenti jkunu kritiċi tal-informazzjoni li jkollha karattru dogmatiku u reżistenti għall-kontroevidenza (il-kuntrarju ta' moħħ miftuħ)
- Li tistaqsi lill-kollegi tiegħek dwar kif jivvalutaw l-attitudnijiet bħall-moħħ miftuħ u l-ħsieb flessibbli. Jekk ma jagħmlux dan diġà, iddiskuti magħhom kif tista' tiġi implimentata valutazzjoni bħal din.

Nota ta' Twissija

Meta tuża elementi ta' dižinformazzjoni matul il-valutazzjoni, ara li l-istudenti jifhmu liema informazzjoni tkun akkurata meta mqabbla ma' dik falza. Inkella, xi wħud jistgħu jispiċċaw jemmnu xi ħaġa żbaljata. Dan huwa aktar u aktar importanti minħabba l-"fenomenu tal-influwenza kontinwa", diskuss fil-Kaxxa Nru 5.



Miżuri awtorapportati tal-litteriżmu diġitali jistgħu jintużaw għad-diskussjoni, għar-riflessjoni u għall-osservazzjonijiet. Peress li l-istudenti jistgħu jkunu kunfidenti żżejjed u ma jkunux tajbin ħafna biex jikklassifikaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tagħhom stess, l-awtoriflessjoni xorta tista' tintuża biex tipprovdi xi informazzjoni intuwittiva importanti fil-fehma ta' kif jaraw lilhom infushom u kif jistgħu jitjiebu. Eżempju ta' dikjarazzjonijiet ta' awtovalutazzjoni jingħata hawn taħt fil-**Kaxxa 9**. Dawn id-dikjarazzjonijiet ġejjin mid-DigCompSAT tal-Kummissjoni Ewropea (għodda ta' awtoriflessjoni msemmija fl-aġġornament 2.2 tad-DigComp)[13]. Din ir-riżorsa internazzjonali tista' tkun ta' għajnuna fil-ħidma tiegħek.

Kaxxa Nru 9: Eżempji ta' dikjarazzjonijiet għall-awtoriflessjoni dwar il-litteriżmu diġitali (DigComp 2.1; DigCompSAT).

- Naf li magni tat-tiftix differenti jistgħu jagħtu riżultati tat-tiftix differenti minħabba li huma influwenzati minn fatturi kummerċjali (għarfien/livell intermedju)
- Meta nuża magna tat-tiftix, nista' nieħu vantaġġ mill-karatteristiċi avvanzati tagħha (ħila, intermedja)
- Naf kif insib sit web li żort qabel (ħila, bażika)
- Naf kif niddistingwi kontenut promoss minn kontenut ieħor li nsib jew li nirċievi online (eż., nagħraf reklam fuq il-media soċjali jew fuq il-magni tat-tiftix) (ħila, intermedja)
- Naf kif nidentifika l-iskop ta' sors ta' informazzjoni online (eż., għall-informazzjoni, għall-influwenzar, għad-divertiment jew għall-bejgħ) (ħila, intermedja)
- Niċċekkja b'mod kritiku jekk l-informazzjoni li nsib online tkunx affidabbli (attitudni, intermedja)
- Naf li xi informazzjoni fuq l-internet hi falza (eż., aħbarijiet foloz) (għarfien, bażiku)



[13] DigCompSAT https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC123226

Digcomp 2.2[14] joffri wkoll modi kif tiġi vvalutata l-proficjenza tal-istudenti permezz tal-osservazzjoni u tal-gwida tal-proċessi ta' apprendiment tal-istudenti permezz ta' kompiti speċifiċi marbuta mal-litteriżmu diġitali. Il-valutazzjoni tal-apprendiment tal-istudenti tista' ssir billi jiġu osservati l-ħila tal-istudenti li jsolvu kompiti (kumplessi), il-livell ta' awtonomija tagħhom, u l-livell konjittiv tagħhom. L-osservazzjoni tal-kompetenzi teħtieġ l-iżvilupp ta' rubriki. Fil-valutazzjoni tiegħek, tista' tikkunsidra l-kumplessità tal-kompitu, il-livell ta' awtonomija, id-dominju konjittiv (Ara l-Illustrazzjoni 1) jew tiżviluppa rubriki dettaljati li jikkunsidraw l-attività proposta u l-kompiti speċifiċi assenjati.

Livell	Kumplessità tal-kompiti	Awtonomija	Dominju konjittiv
Bażiku	Kompiti sempliċi	Bi gwida/awtonomija u bi gwida fejn meħtieġa	Memorja
Intermedju	Kompiti definiti sew u ta' rutina, u problemi/kompiti sempliċi, u problemi definiti sew u mhux ta' rutina	Waħdi/indipendenti u skont il-ħtiġijiet tiegħi.	Fehim
Avvanzat	Kompiti u problemi differenti/l-aktar kompiti xierqa	Joffru gwida lill-oħrajn/ kapaċi jadattaw għall-oħrajn f'kuntest kumpless	Applikazzjoni/evalwazzjoni/ ħolqien

Int tista' tidentifika aħjar x'inhu meħtieġ li l-istudenti jiżviluppaw u tappoġġa l-proċess ta' apprendiment billi tħares lejn, pereżempju, jekk l-istudenti jkunux żviluppaw metodi effettivi ta' tiftix għal skopijiet personali (eż., li jfittxu f'lista tal-aktar films popolari), għal skopijiet edukattivi (eż., li jirriċerkaw diversi interpretazzjonijiet ta' avvenimenti storiċi) u għal skopijiet professjonali (eż., li jsibu avviżi xierqa dwar impjiegi). Tista' tara wkoll jekk ikunux jafu kif jimmaniġġaw informazzjoni eċċessiva (eż., iż-żieda ta' informazzjoni falza jew qarrieqa matul tifqigħa ta' marda) billi jadattaw il-metodi u l-istrateġiji ta' tiftix personali tagħhom.

Suġġeriment Nru 15: Valutazzjoni tal-ħiliet ta' riċerka tal-istudenti



Ivvaluta l-ħila tal-istudenti li jwettqu riċerka fi kwistjonijiet diġitali ewlenin. Pereżempju, agħti lill-istudenti assenjament ta' riċerka online biex jidentifikaw it-tipi ta' teknoloġiji użati biex isiru cheap fakes u deepfakes. Ħiliet ta' riċerka bħal dawn ikunu ta' benefiċċju għall-istudenti fl-oqsma kollha tas-suġġetti.

Ikkunsidra...

- Li titlob lill-istudenti jivvalutaw huma stess il-livell ta' ħakma u ta' progress tagħhom. Li titlobhom jistabbilixxu wkoll l-għanijiet tagħhom stess relatati mal-livell ta' kompetenza diġitali tagħhom.
- Li tuża oqfsa żviluppati fuq livell internazzjonali bħad-DigComp 2.2.[15] Hemm pjanijiet biex dan isir disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.
- Li tuża evalwazzjonijiet bejn il-pari u portafolli.
- Li l-valutazzjoni tax-xogħol fi gruppi żgħar normalment tinvolvi kemm valutazzjoni fil-livell ta' grupp kif ukoll valutazzjoni individwali.
- Li titlob lill-istudenti jiżviluppaw kontronarrativi għal kampanji ta' diżinformazzjoni li jimmiraw lejn ċerti komunitajiet vulnerabbli. Ivvaluta, flimkien mal-istudenti l-oħra, is-"saħħa" (kemm huma persważivi u għaliex) tal-kontronarrattivi.

[14] Ibid

[15] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC128415

Evalwazzjoni ta' approċċi edukattivi effettivi relatati mal-litteriżmu diġitali

Minbarra li tivvaluta l-kompetenzi tal-istudenti, dejjem ikun tajjeb li tkun taf jekk l-approċċi tat-tagħlim tiegħek humiex qed ikollhom l-impatt li tixtieq. Essenzjalment, dejjem ikun hemm lok għal titjib. Jekk il-lezzjoni, l-unità jew il-programm kellu xi effett, allura l-istudenti għandhom imorru aħjar f'xi wħud mill-mistoqsijiet ta' valutazzjoni elenkati hawn fuq; pereżempju, fl-identifikazzjoni ta' titli qarrieqa jew fil-verifika tal-fatti online meta jitlestew l-attivitajiet. Kejl qabel ma tibdew u mbagħad wara li tlestu jipprovdi informazzjoni intuwittiva importanti dwar dan. Jekk tuża l-mistoqsijiet ta' ttestjar li jivvalutaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tal-istudenti li jinsabu fil-Kaxxi Nri 6 u 7, allura tkun tista' tara x'tgħallmu u f'xiex għadhom ibatu wara t-tagħlim.

Imbagħad tiġi l-mistoqsija: kif nevalwa bl-aħjar mod il-programm ta' litteriżmu diġitali tiegħi stess u/jew tal-iskola (eż., liema għodod għandi nuża għal liema skop? Liema aspetti jistgħu u għandhom jiġu evalwati? Kif taċċessa għodod eżistenti, utli u affidabbli? Min għandu jkun involut fl-evalwazzjoni)? Hemm ħafna modi kif jitkejjel l-impatt iżda l-użu ta' kejl validu u affidabbli tal-apprendiment tal-istudenti huwa probabbilment l-aktar effettiv. Li titlob lill-istudenti jevalwaw kif tgħallmu u x'tgħallmu jista' jipprovdi informazzjoni utli iżda spiss ikun hemm nuqqas ta' akkuratezza, speċjalment jekk it-tweġibiet tagħhom ma jkunux anonimi. Jistgħu jħossu wkoll li hemm pressjoni normattiva biex iwieġbu b'ċertu mod (il-livell ta' xewqa soċjali). Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-impatt tal-edukazzjoni biex jiġi appoġġat il-litteriżmu diġitali hija importanti ħafna u fl-istess ħin kumplessa.

Jekk għandek l-opportunità, int u l-kollegi tiegħek tistgħu tibbenefikaw minn evalwazzjoni aktar dettaljata f'kollaborazzjoni ma' riċerkaturi interessati li jitgħallmu aktar dwar il-litteriżmu diġitali fil-prattika.

Suġġeriment Nru 16: Kollaborazzjoni mal-universitajiet

Għalkemm forsi jirrekjedu ħafna ħin għall-għalliema/edukaturi, l-universitajiet spiss ifittxu opportunitajiet biex l-istudenti tal-fakultà jew gradwati tagħhom jivvalutaw il-programmi (tal-litteriżmu diġitali). Tista' tkun ta' benefiċċju għalik u għall-iskola li tidħol f'kuntatt ma' università lokali (eż., id-Dipartiment tal-Komunikazzjonijiet) u tfittex kollaborazzjoni. L-għan aħħari huwa li jittejjeb il-mod kif il-litteriżmu diġitali jiġi mgħallem fl-iskola u wkoll kif jiġi vvalutat. Xi drabi l-NGOs ikollhom dan l-għarfien espert huma wkoll.



Ikkunsidra...

- Li tiddiskuti mas-surmast tal-iskola dwar kollaborazzjoni ma' università jew ma' NGO lokali biex issir evalwazzjoni ta' kif jiġi mgħallem il-litteriżmu diġitali fl-iskola.
- Li tirriċerka online dwar liema tipi ta' għodod ta' evalwazzjoni jistgħu jkunu disponibbli għall-iskola mingħajr ħlas jew għal kost baxx ħafna.
- Li tagħti ħarsa lejn l-għodda tas-SELFIE[16] tal-UE biex tgħin lill-iskola tiegħek ittejjeb kif tuża t-teknoloġija għat-tagħlim u għall-apprendiment?

Fil-qosor, hemm ħafna modi kif tivvaluta l-litteriżmu diġitali tal-istudenti tiegħek u tevalwa t-tipi ta' programmi u ta' approċċi li qed tużaw int u l-kollegi tiegħek. Diġà hemm ħafna strumenti affidabbli (fil-biċċa l-kbira tagħhom mingħajr ħlas) għad-dispożizzjoni tiegħek.

Nota dwar ir-riżorsi

Jekk inti interessat(a) li ssib aktar riżorsi edukattivi, ir-Rapport Finali li jakkumpanja dawn il-Linji Gwida fih lista estensiva ta' riżorsi.

[16] https://education.ec.europa.eu/mt/selfie



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea